**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għas-Sajd*

**2025/2054(INI)**

24.10.2025

# EMENDI
# 1 - 320

**Abbozz ta' rapport**
**Željana Zovko**
(PE777.039v01-00)

Ir-rwol tad-diplomazija dwar l-oċeani għall-kompetittività tas-sajd u l-akkwakultura tal-UE
(2025/2054(INI))

**Emenda 1**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu 43*** tiegħu, | – wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari ***l-Artikoli 43, 349 u 355*** tiegħu, |

Or. fr

**Emenda 2**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3.5 tiegħu;*** |

Or. fr

**Emenda 3**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali (il-Ftehim BBNJ),*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (GBF),*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 2c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali,*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 2d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna ("Ftehim tan-NU dwar il-Ħażniet ta'*** |

***Ħut),***

Or. en

**Emenda 7**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2025 bit-titolu "Il-Patt Ewropew għall-Oċeani" (COM(2025)0281) u l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-24 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli – Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani" (JOIN(2022)0028), ***li tistabbilixxi erba' prijoritajiet ewlenin: it-tisħiħ tal-qafas ta' governanza globali għall-oċeani, il-ksib tas-sostenibbiltà tal-oċeani sal-2030, it-titjib tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, u l-progress tax-xjenza u l-għarfien dwar l-oċeani,*** | – wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2025 bit-titolu "Il-Patt Ewropew għall-Oċeani" (COM(2025)0281) u l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-24 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli – Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani" (JOIN(2022)0028), |

Or. en

**Emenda 8**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli*** |

***tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali tad-19 ta' Ġunju 2023,***

Or. en

**Emenda 9**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2025 bit-titolu "Il-Patt għall-Mediterran - Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed", b'mod partikolari l-kapitolu tagħha "II.6 Il-Promozzjoni ta' Ekonomija Blu sostenibbli",*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-deċiżjoni Ministerjali tal-WTO tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar is-Sussidji tas-Sajd,*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***– wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil tal-15 ta' Lulju 2025 dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sajd u l-oċeani bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda,*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***– wara li kkunsidra r-Rieżami tal-istat tar-riżorsi tas-sajd tal-baħar dinjija – 2025 mill-FAO,*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4e (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2023 dwar l-implikazzjonijiet tal-operazzjonijiet tas-sajd Ċiniżi għas-sajd tal-UE u t-triq 'il quddiem,*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2025/2077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1026/2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli,*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-Rapport Ekonomiku Annwali tal-2024 tal-Kummissjoni dwar il-flotta tas-sajd tal-Unjoni Ewropea,*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-rapport tal-FAO "The State of World Fisheries and Aquaculture 2024" (L-Istat tas-Sajd u l-Akkwakultura Dinjija tal-2024),*** |

Or. en

**Emenda 17**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-oċeani u l-ibħra jkopru 71 % tal-wiċċ tad-dinja u aktar minn 65 % tat-territorju tal-UE; billi l-UE tissorvelja l-akbar żona marittima kollettiva tad-dinja, li tinkludi 25 miljun km² ta' żoni ekonomiċi esklużivi, kosta ta' aktar minn 70 000 km, u 40 % taċ-ċittadini tagħha li jgħixu f'distanza ta' 50 km mill-baħar; | A. billi l-oċeani u l-ibħra jkopru 71 % tal-wiċċ tad-dinja u aktar minn 65 % tat-territorju tal-UE; billi l-UE tissorvelja***, bis-saħħa tar-reġjuni ultraperiferiċi li jassiguraw il-preżenza tal-UE fl-oċeani kollha tad-dinja,*** l-akbar żona marittima kollettiva tad-dinja, li tinkludi 25 miljun km² ta' żoni ekonomiċi esklużivi, kosta ta' aktar minn 70 000 km, u 40 % taċ-ċittadini tagħha li jgħixu f'distanza ta' 50 km mill-baħar; |

Or. fr

**Emenda 18**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-oċeani u l-ibħra jkopru 71 % tal-wiċċ tad-dinja u aktar minn 65 % tat-territorju tal-UE; billi l-UE tissorvelja l-akbar żona marittima kollettiva tad-dinja, li tinkludi 25 miljun km² ta' żoni ekonomiċi esklużivi, kosta ta' aktar minn 70 000 km, u 40 % taċ-ċittadini tagħha li jgħixu f'distanza ta' 50 km mill-baħar; | A. billi l-oċeani u l-ibħra jkopru 71 % tal-wiċċ tad-dinja u aktar minn 65 % tat-territorju tal-UE; billi l-UE tissorvelja l-akbar żona marittima kollettiva tad-dinja, ***anke bis-saħħa tar-reġjuni ultraperiferiċi (ORs) tagħha,*** li tinkludi 25 miljun km² ta' żoni ekonomiċi esklużivi, kosta ta' aktar minn 70 000 km, u 40 % taċ-ċittadini tagħha li jgħixu f'distanza ta' 50 km mill-baħar; |

Or. en

**Emenda 19**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi s-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni Ewropea jikkontribwixxi madwar EUR 5,5 biljun fis-sena għall-ekonomija tal-UE u jipprovdi impjiegi dirett igħal madwar 193 000 sajjied u akkwakulturist madwar l-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, iżda qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu, kostijiet operatorji għoljin, ***regolamentazzjoni oneruża*** u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; | B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, ***filwaqt li jeħtieġ li jsiru sforzi biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti mill-Politika Komuni tas-Sajd u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom,*** iżda qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu, kostijiet operatorji għoljin, u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; ***billi r-Rapport Ekonomiku Annwali tal-2024 dwar il-flotta tas-sajd tal-Unjoni Ewropea wera titjib sostanzjali fil-prestazzjoni ekonomika tal-flotta, parzjalment minħabba t-titjib fil-kisba ta' popolazzjonijiet tas-sajd sostenibbli u t-tnaqqis fil-kapaċità tas-sajd, minkejja*** |

***sfidi strutturali u differenzi bejn is-segmenti tal-flotta filwaqt li l-prestazzjoni soċjoekonomika ta' flotot tas-sajd kostali fuq skala żgħira għadha lura;***

Or. en

**Emenda 21**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, iżda qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu, kostijiet operatorji għoljin***, *regolamentazzjoni oneruża u*** kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; | B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, iżda ***f'xi każijiet*** qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu ***minħabba deċennji sħaħ ta' sajd eċċessiv u degradazzjoni ambjentali ttraskurata***, kostijiet operatorji għoljin ***minħabba ċertu sajd b'konsum għoli ta' fjuwil, regolamenti li għandhom l-għan li jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tal-istokkijiet tal-ħut, u f'xi każijiet*** kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; |

Or. en

**Emenda 22**
**Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija | B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija |

| | |
|---|---|
| waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, iżda qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu, kostijiet operatorji għoljin, regolamentazzjoni oneruża u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; | waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, iżda qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu, kostijiet operatorji għoljin, ***it-tixjiħ tal-flotta tas-sajd u tas-sajjieda, in-nuqqas ta' inċentivi biex jiġu attirati parteċipanti ġodda fis-settur,*** regolamentazzjoni oneruża u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; |

Or. en

**Emenda 23**
**Karin Karlsbro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja***, iżda*** qed taffaċċja ***kwoti li qed jonqsu,*** kostijiet operatorji għoljin, ***regolamentazzjoni oneruża*** u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; | B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja***; billi din*** qed tiffaċċja kostijiet operatorji għoljin, ***piżijiet amministrattivi*** u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; ***billi l-kompetizzjoni ġusta u l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd huma komponenti ewlenin għal settur prosperuż u li jħalli l-profitt;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li | B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li |

| | |
|---|---|
| tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, iżda qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu, kostijiet operatorji għoljin, ***regolamentazzjoni oneruża*** u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigorużi; | tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment ***li minnhom 75 % huma tas-sajd kostali u artiġjanali***, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, iżda qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu, kostijiet operatorji għoljin, u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards ***soċjali u ambjentali*** anqas rigorużi ***u rekwiżiti tad-WTO li jistgħu jiġu evitati***; |
| | Or. fr |

**Emenda 25**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi f'dawn l-aħħar snin in-nuqqas ta' kundizzjonijiet ugwali wassal għal telf sinifikanti ta' bastimenti tal-UE, li jew ġew esportati temporanjament jew inbiegħu lil pajjiżi terzi; billi, meta bastiment tal-UE jħalli post għas-sajd taħt RFMO, dan jiġi ssostitwit b'bastiment minn pajjiż terz, li normalment ikun jopera skont standards ambjentali u soċjali aktar baxxi; billi, fl-istess ħin, l-importazzjonijiet minn tali pajjiżi fis-suq tal-UE qed jiżdiedu;*** |
| | Or. en |

**Emenda 26**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***Bb. billi l-Unjoni Ewropea għandha industrija tal-ipproċessar tal-ħut u tal-ikel ippreżervat fil-laned b'dimensjoni soċjoekonomika sinifikanti li trid tiġi ppreservata u msaħħa wkoll;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bc. billi s-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura, tal-ipproċessar u tal-ikel ippreżervat fil-laned jridu jiġu rikonoxxuti bħala setturi ta' prijorità għall-Unjoni Ewropea, minħabba l-importanza strateġika tagħhom għall-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel u r-rwol ewlieni tagħhom fis-sostenn tal-komunitajiet kostali, u dawn għandhom ikunu fost il-prinċipji ta' gwida ewlenin tal-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani;*** |

Or. en

**Emenda 28**
**Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza u jesponi lis-settur għal prattiki inġusti; | C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza u jesponi lis-settur għal prattiki inġusti; ***billi din is-sitwazzjoni tirrikjedi t-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri, l-armonizzazzjoni*** |

***tal-mekkaniżmi doganali, klawżoli awtomatiċi ta' salvagwardja u ta' reċiproċità, u l-iżgurar li l-importazzjonijiet kollha jikkonformaw ma' standards ekwivalenti għal dawk applikabbli fl-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' uffiċċju Ewropew għall-kontroll tal-importazzjonijiet;***

Or. es

**Emenda 29**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza u jesponi lis-settur għal prattiki inġusti; | C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza u jesponi lis-settur għal prattiki inġusti; ***billi dan għandu jipprovdi l-ambizzjoni biex jerġgħu jinbnew l-istokkijiet u jiġu implimentati bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet li ġejjin dwar it-traċċabbiltà u t-trasparenza;*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza u jesponi lis-settur għal prattiki inġusti; | C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza***,*** u jesponi lis-settur għal prattiki inġusti***,*** ***filwaqt li jenfasizza l-urġenza li jiġu*** |

***żgurati s-sovranità tal-ikel tal-Unjoni u l-istandards ekwivalenti tal-UE għall-ikel akkwatiku importat***;

Or. en

**Emenda 31**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza u jesponi lis-settur għal prattiki inġusti; | C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza u ***jirriskja li*** jesponi lis-settur għal prattiki inġusti ***kif ukoll jirriskja importazzjonijiet ta' produzzjoni anqas sostenibbli tal-frott tal-baħar***; |

Or. en

**Emenda 32**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-UE hija membru ta' 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għandha rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ***ir-regoli dwar*** il-ġestjoni tas-sajd u ***l-prattiki ta' konservazzjoni*** tar-riżorsi tal-baħar***, u l-implimentazzjoni tagħhom***; | D. billi l-UE hija membru ta' 18-il Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd ***(RFMOs)*** u għandharwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar il-ġestjoni tas-sajd u ***l-konservazzjoni*** tar-riżorsi tal-baħar***, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-RFMOs huma strumenti essenzjali biex titrawwem id-diplomazija internazzjonali dwar l-oċeani, tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost in-nazzjonijiet kostali u tas-sajd, u tiġi żgurata l-governanza sostenibbli tal-ibħra internazzjonali***; |

Or. en

**Emenda 33**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-UE hija membru ta' 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għandha rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-prattiki ta' konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom; | D. ***billi l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd huma l-elementi kostitwenti tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut;*** billi l-UE hija membru ta' 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għandha rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-prattiki ta' konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom; |

Or. en

**Emenda 34**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-UE hija membru ta' 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għandha rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-prattiki ta' konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom; | D. billi l-UE hija membru ta' 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għandha rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-prattiki ta' konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom; ***billi huwa importanti li jiġu ffaċilitati l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-RFMOs dwar l-aħjar prattiki fil-ġestjoni tas-sajd u kwistjonijiet oħra ta' interess komuni;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-UE hija ***membru ta'*** 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għandha rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u ***l-prattiki*** ta' konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom; | D. billi l-UE hija ***parti kontraenti għal*** 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ***u 4 Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali*** għandha rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u ***l-miżuri*** ta' konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom; |

Or. en

**Emenda 36**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-UE hija membru ta' 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u ***għandha*** rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-prattiki ta' konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom; | D. billi l-UE hija membru ta' 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u ***taspira li jkollha*** rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-prattiki ta' konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom; |

Or. en

**Emenda 37**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi l-UE għandha 20 Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) li sebgħa minnhom mhumiex attivi, u dan joħloq network ta' ftehimiet ma' pajjiżi sħab, li jikkostitwixxi wkoll pjattaforma għal aktar kooperazzjoni fir-rigward tal-ġestjoni globali tas-sajd u l-governanza internazzjonali tal-oċeani;*** |

Or. en

**Emenda 38**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; ***billi l-bnadar ta' konvenjenza, il-bdil ta' bnadar, strutturi korporattivi kumplessi u nuqqas ta' informazzjoni pubblika dwar is-sidien benefiċjali jagħmlu ħsara lis-sigurtà tal-ikel u l-għajxien tal-persuni fil-pajjiżi kostali kif ukoll l-ekosistemi tal-oċeani;*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima ***jheddu l-bijodiversità*** tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima ***permezz ta' żieda fit-temperaturi tal-baħar u l-frekwenza dejjem akbar ta' mewġiet ta' sħana tal-baħar joħolqu theddida sinifikanti għall-bijodiversità*** tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; |

Or. en

**Emenda 40**
**Karin Karlsbro, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd ***tal-UE***, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar ***kemm fuq livell globali kif ukoll fl-UE***, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU)***, is-sajd eċċessiv*** u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd ***globali***, u joħolqu kompetizzjoni inġusta ***għas-sajjieda tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 41**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi ***l-aċidifikazzjoni*** tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. ***E.*** billi ***l-eċċess tal-emissjonijiet CO2 jwassal għal aċidifikazzjoni*** tal-oċeani, ***billi*** l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; |

Or. fr

**Emenda 42**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, ***it-tniġġis tal-plastik,*** id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; |

Or. en

**Emenda 43**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd | E. billi ***s-sajd eċċessiv,*** l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, |

| | |
|---|---|
| illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; |

Or. en

**Emenda 44**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u ***t-tibdil fil-klima*** jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u ***l-ispeċijiet invażivi*** jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; |

Or. en

**Emenda 45**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u ***t-tibdil fil-klima*** jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u ***l-ispeċijiet invażivi*** jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; |

Or. en

**Emenda 46**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) ***u l-flotot mistura*** jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; |

Or. en

**Emenda 47**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u ***t-tibdil fil-klima*** jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) ***u l-flotot mistura*** jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; | E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u ***l-ispeċijiet invażivi*** jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta; |

Or. en

**Emenda 48**
**Piotr Müller, Nora Junco García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-flotot mistura u l-istrutturi ta' sjieda opaki jirrappreżentaw theddida distinta u akbar għas-sigurtà marittima, is-saħħa pubblika u s-sikurezza fiż-żoni kostali — inkluż permezz tar-riskju akbar ta' tixrid taż-żejt, skariki aċċidentali, skariki minn skart perikoluż u inċidenti oħra li jpoġġu l-ħajja tal-bniedem, l-għajxien u l-ekosistemi kostali fil-periklu;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-Ftehim tal-WTO dwar sussidji tas-sajd perikoluż daħal fis-seħħ fil-15 ta' Settembru 2025 u huwa pass importanti biex jitrażżnu s-sussidji li jippromwovu l-espansjoni tal-kapaċitajiet tas-sajd bir-riskju li jaggravaw is-sajd eċċessiv fuq livell globali;*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-libertà tan-navigazzjoni u l-kapaċità li wieħed jopera fil-baħar qed jiġu sfidati dejjem aktar madwar id-dinja, filwaqt li l-infrastruttura tal-baħar*** |

***essenzjali qed tiffaċċja riskji akbar;***

Or. en

**Emenda 51**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Eb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Eb. billi t-theddid ibridu, l-attakki ċibernetiċi u l-atti reċenti ta' sabotaġġ li jmorru lil hinn mill-fruntieri, inkluża l-ħsara fil-pipelines u l-kejbils tal-komunikazzjoni ta' taħt l-art, l-interferenza tal-GPs fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar l-Iswed, u l-attakki fuq ir-rotot tat-tbaħħir fil-Baħar l-Aħmar, jissottolinjaw l-esponiment tal-infrastruttura tal-baħar, tal-linji marittimi ta' komunikazzjoni, u tal-kummerċ globali għat-theddid ibridu, l-attakki ċibernetiċi, il-piraterija, u ż-żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi u għalhekk is-sigurtà marittima saret prijorità strateġika għall-Unjoni Ewropea għall-ekonomija, il-konnettività u s-sovranità diġitali tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Eb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Eb. billi l-ħames ċiklu ta' negozjati għal trattat li jmiss dwar il-plastiks globali sar f'Awwissu 2025 iżda mingħajr ma ntlaħaq kunsens dwar trattat;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-Brexit introduċa kumplessitajiet ġodda għall-governanza tas-sajd tal-UE fl-Atlantiku tal-Grigal, li jaffettwaw l-allokazzjoni tal-kwoti, l-aċċess għaż-żoni tas-sajd u d-dinamika tal-kummerċ; | F. billi l-Brexit introduċa kumplessitajiet ġodda għall-governanza tas-sajd tal-UE fl-Atlantiku tal-Grigal, li jaffettwaw ***b'mod negattiv il-kooperazzjoni strutturata u ordnata fil-ġestjoni tas-sajd u l-governanza tal-oċeani, inklużi*** l-allokazzjoni tal-kwoti, l-aċċess għaż-żoni tas-sajd u d-dinamika tal-kummerċ; |

Or. en

**Emenda 54**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-Brexit introduċa kumplessitajiet ġodda għall-governanza tas-sajd ***tal-UE*** fl-Atlantiku tal-Grigal, li jaffettwaw l-allokazzjoni tal-kwoti, l-aċċess għaż-żoni tas-sajd u d-dinamika tal-kummerċ; | F. billi l-Brexit introduċa kumplessitajiet ġodda għall-governanza tas-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, li jaffettwaw l-allokazzjoni tal-kwoti, l-aċċess għaż-żoni tas-sajd u d-dinamika tal-kummerċ; |

Or. en

**Emenda 55**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi r-Regolament (UE) 2025/2077 isaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi kontra prattiki tas-sajd mhux sostenibbli minn pajjiżi terzi, billi jiddefinixxi kriterji ċari għal "nuqqas ta' kooperazzjoni", imsejsa fil-liġi internazzjonali u evidenza xjentifika indipendenti bil-għan li jiġu ssalvagwardjati l-istokkijiet tal-ħut kondiviżi, tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs), u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għas-sajjieda tal-UE li joperaw skont standards għoljin ta' sostenibbiltà;*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-Patt Ewropew għall-Oċeani jipproproni erba' prijoritajiet ewlenin għall-UE biex issaħħaħ il-qafas ta' governanza globali għall-oċeani, tikseb is-sostenibbiltà tal-oċeani sal-2030, ittejjeb is-sikurezza u s-sigurtà marittima, u tavvanza x-xjenza u l-għarfien dwar l-oċeani;*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Jitlob li l-Oċean jiġi rikonoxxut bħala beni komuni globali fil-livell internazzjonali fil-kuntest tad-diplomazija tal-UE dwar l-Oċeani;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Jenfasizza li l-UE tinsab f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri; | 1. Jenfasizza li l-UE tinsab f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri; ***jisħaq li l-UE għandha tuża l-pożizzjoni ġeostrateġika tagħha biex issaħħaħ aħjar ir-rabtiet fl-Atlantiku mal-Istati Uniti, il-Kanada, l-Amerka Ċentrali u t'Isfel, l-Afrika, u reġjuni strateġiċi oħra;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Jenfasizza li l-UE tinsab | 1. Jenfasizza li l-UE tinsab |

f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri;

f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima***, il-pożizzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-insedjamenti tal-UE fl-oċeani kollha***, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri;

Or. fr

**Emenda 60**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza ***li l-UE tinsab f'pożizzjoni privileġġata*** biex tmexxi l-governanza ***globali*** tal-oċeani ***minħabba*** d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u ***diġà hija impenjata fis-salvagwardja tar-riżorsi*** tal-baħar ***tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri***; | 1. Jenfasizza ***r-rwol storiku ta' tmexxija li l-UE kellha u għad għandha*** biex tmexxi l-governanza ***internazzjonali*** tal-oċeani ***meta jitqiesu*** d-daqs taż-żona marittima, ***ir-rilevanza u*** l-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja ***u hija waħda minn ta' quddiem nett fir-rigward tar-restawr u l-protezzjoni tal-ħabitats u r-riżorsi*** tal-baħar; |

Or. en

**Emenda 61**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-UE tinsab f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata ***fis-salvagwardja*** tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri; | 1. Jenfasizza li l-UE tinsab f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata ***fil-ġestjoni u fil-ġbir b'mod sostenibbli*** tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri; |

Or. en

**Emenda 62**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Jenfasizza*** li l-UE tinsab f'pożizzjoni ***privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani*** minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri; | 1. ***Jemmen*** li l-UE ***għandha tieħu rwol ta' tmexxija fl-aġenda dwar il-governanza globali tal-oċeani minħabba li*** tinsab f'pożizzjoni ***unika*** minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri; |

Or. en

**Emenda 63**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-UE tinsab f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l- | 1. Jenfasizza li l-UE tinsab f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l- |

governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima***, il-piż*** ekonomiku***, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja*** tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija ***impenjata*** fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri;

governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima ***u l-piż*** ekonomiku tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija ***involuta*** fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri;

Or. en

**Emenda 64**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jisħaq li d-diplomazija dwar l-oċeani hija parti mill-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani u li ma għandhiex tkun limitata għal approċċ ġeopolitiku jew ta' sigurtà, iżda għandha tqis ukoll il-ġestjoni u l-governanza ġenerali tal-oċeani, li jirriflettu d-dimensjoni ambjentali, ekonomika, kulturali, soċjali u territorjali tal-baħar, u l-importanza tagħha għall-komunitajiet tas-sajd tar-reġjuni kostali, tal-gżejjer u ultraperiferiċi;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jissottolinja li l-oċean huwa assi ġeopolitiku u ekonomiku ċentrali għall-kompetittività u l-identità kulturali tal-*** |

***Ewropa;***

Or. en

**Emenda 66**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani ***fil-politika estera u ta' sigurtà komuni*** tal-UE biex ***jiġi difiż*** ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani ***fil-politiki esterni*** tal-UE biex ***jiġu difiżi governanza tal-oċeani sostenibbli u ġusta, il-kooperazzjoni multilaterali, kif ukoll*** ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli ***f'konformità mal-UNCLOS***, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar ***u s-saħħa tal-ekosistemi tal-baħar***, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali***, u tittejjeb it-trasparenza fis-sajd internazzjonali u fil-katina tal-provvista tal-frott tal-baħar kollha***; |

Or. en

**Emenda 67**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi |

difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali;

difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; ***jitlob li jissaħħu l-missjonijiet militari u navali tal-UE ddedikati għall-monitoraġġ u l-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU), il-flotot ta' traffikar u dawk fantażma;***

Or. en

**Emenda 68**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards ***ambjentali, ekonomiċi u soċjali*** tal-UE***, b'mod partikolari fir-rigward tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-FAO, l-ILO jew saħansitra d-WTO u*** jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali ***konġunti, il-monitoraġġ satellitari b'Copernicus u d-droni navali***; |

Or. fr

**Emenda 69**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment ***l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali***; | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE***, anke permezz ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni ġodda mal-pajjiżi terzi b'attenzjoni partikolari għal dawk fl-Afrika ta' Fuq,*** u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, ***inklużi atti ta' intimidazzjoni u tfixkil fil-konfront tas-sajjieda Ewropej,*** speċjalment ***f'żoni tal-fruntiera marittima, bħall-Kanal ta' Sqallija***; |

Or. it

**Emenda 70**
**Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU ***u*** l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU***, permezz ta' kontrolli aktar stretti fuq l-*** |

| | |
|---|---|
| ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | ***importazzjonijiet ta' prodotti minn sajd mhux regolat, u biex jiġu indirizzati*** l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; |

Or. es

**Emenda 71**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE ***u*** jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, ***tissaħħaħ il-kooperazzjoni multilaterali, tiġi rrispettata l-liġi internazzjonali,*** jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE***,*** jiġu miġġielda s-sajd IUU ***inkluż minn bastimenti proprjetà tal-UE bi bnadar ta' konvenjenza,*** u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; |

Or. en

**Emenda 72**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; ***u kooperazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji Ewropej, inklużi l-EMSA, il-Frontex, l-EFCA, u l-EUSPA;*** |

Or. en

**Emenda 73**
**Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE ***u*** jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u ***l-azzjonijiet*** ostili jew vjolenti ***fil-konfront tal-bastimenti*** tas-sajd tal-UE u ***tal-infrastruttura*** tal-UE***, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali***; | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE***,*** u ***permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali,*** jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u ***atti*** ostili jew vjolenti ***oħra li joriġinaw minn pajjiżi terzi kontra l-bastimenti*** tas-sajd tal-UE u ***l-infrastrutturi marittimi*** tal-UE***, b'mod patikolari fil-baċir Mediterran, kif ukoll ibħra oħra***; |

Or. en

**Emenda 74**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani ***fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex*** jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani ***fl-azzjoni esterna tal-UE filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi sovrani tal-Istati Membri sabiex*** jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; |

Or. en

**Emenda 75**
**France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob ***l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni*** tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar***, jiġu promossi l-istandards tal-UE*** u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | 2. Jitlob ***kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri*** tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; |

Or. fr

**Emenda 76**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali ***u kontroll aktar strett ta' bastimenti mhux assigurati***; |

Or. en

**Emenda 77**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU ***u l-flotot mistura***, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal- | 2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u |

| | |
|---|---|
| bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, ***speċjalment*** l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; | tal-infrastruttura tal-UE, l-infrastruttura sottomarina, permezz ta' miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali; |

Or. en

**Emenda 78**
**Piotr Müller, Nora Junco García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri jintensifikaw azzjoni koordinata kontra l-użu ta' flotot mistura li joperaw bi sjieda opaka jew taħt skemi ta' bnadar ta' konvenjenza; jissottolinja li tali bastimenti ta' spiss jinvolvu ruħhom fi trasport illegali u trasferimenti minn bastiment għal ieħor, li jżid ir-riskju ta' inċidenti kbar ta' tniġġis u li jiġu pperikolati l-popolazzjonijiet kostali; jitlob sorveljanza marittima msaħħa, mekkaniżmi ta' sanzjonijiet ikkoordinati u li tiġi stabbilita faċilità ta' emerġenza u ta' rimedju tal-UE biex tgħin fl-isforzi ta' rispons u rkupru wara aċċidenti ambjentali marbuta ma' dawn l-operazzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jenfasizza l-importanza li tiġi*** |

***segwita u tissaħħaħ il-politika ta' tolleranza żero fir-rigward tas-sajd IUU; ifakkar fl-importanza li jintużaw l-għodod internazzjonali kollha disponibbli fil-ġlieda kontra s-sajd IUU; jissottolinja l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tinvolvi ruħha bis-sħiħ fil-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi fil-qasam tas-sajd, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kontroll tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd IUU, kif ukoll il-kundizzjoni tal-aċċess tagħhom għaż-ŻEE;***

Or. fr

**Emenda 80**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq reviżjoni komprensiva tal-Ippjanar Spazjali Marittimu (MSP), id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) u Strateġija Atlantika tal-UE mġedda sabiex jiġu integrati pilastri bħas-sigurtà, id-difiża, id-diplomazija dwar l-oċeani, u l-isfidi ġeopolitiċi, fl-Oċean Atlantiku kollu;*** |

Or. en

**Emenda 81**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' Kunsill Dinji tal-Oċeani taħt l-awspiċji tan-NU fil-bażijiet*** |

***tal-UNOC biex jikkoordina l-governanza dinjija flimkien ma' aġenziji bħall-OMI, l-FAO, u r-RFMO, l-ILO, it-TIDM l-UNESCO;***

Or. fr

**Emenda 82**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jisħaq li l-Unjoni Ewropea jeħtiġilha tiżgura li l-interessi tas-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura, tal-ipproċessar u tal-ikel ippreżervat fil-laned tagħha jiġu ssalvagwardjati bis-sħiħ fil-fora internazzjonali u globali;*** |

Or. en

**Emenda 83**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Jenfasizza wkoll l-importanza li jiġi pprevenut li l-fotta Ewropea tiġi ssostitwita bi flotot mhux tal-UE anqas sostenibbli; iqis li d-difiża tal-bandiera Ewropea, il-preservazzjoni u l-espansjoni tagħha fil-postijiet kollha għas-sajd trid tkun prijorità fin-negozjati, minħabba li huwa vitali għall-katina alimentari li jkun hemm bastimenti li jtajru l-bnadar tal-Istati Membri tal-UE u dan jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni fis-sigurtà tal-ikel;*** |

Or. en

**Emenda 84**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta strateġija ta' komunikazzjoni b'influwenza dinjija sabiex tafferma l-ambizzjonijiet u t-tmexxija tagħha;*** |

Or. fr

**Emenda 85**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Jappoġġja l-ħolqien ta' Makroreġjun Atlantiku fi proġett komuni tal-Portugall, Spanja, Franza u l-Irlanda;*** |

Or. en

**Emenda 86**
**France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-*** | ***imħassar*** |

***diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli;***

Or. fr

**Emenda 87**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; | 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; ***jisħaq li biex l-UE ttejjeb l-awtonomija strateġika u tal-ikel tagħha l-bini mill-ġdid tal-istokkijiet tal-UE huwa kruċjali u biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal reżiljenza u kompetittività fit-tul tal-UE huwa essenzjali li s-settur tas-sajd Ewropew fuq skala żgħira jiġi appoġġjat b'mod adegwat;*** |

Or. en

**Emenda 88**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ***ir-responsabbiltà*** ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; | 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ***il-protezzjoni*** ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; ***jenfasizza li d-dispożizzjonijiet bħal ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistema u r-restawr tal-istokkijiet tal-ħut u l-ħabitats li diġà huma minquxa fil-leġiżlazzjoni tal-UE se jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Patt għall-Oċeani;*** |

Or. en

**Emenda 89**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' ***l-Patt*** Ewropew għall-Oċeani ***bħala*** strateġija integrata li tgħaqqad ***is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ir-responsabbiltà*** ambjentali ***u d-diplomazija***; ***jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri*** | 3. Jilqa' ***l-objettiv tal-Patt*** Ewropew għall-Oċeani ***li jiżviluppa*** strateġija integrata li tgħaqqad ***il-politiki marittimi u tibni l-koerenza bejn is-setturi, inklużi d-diplomazija dwar l-oċeani, il-protezzjoni*** ambjentali***, l-istrateġija marittimi industrijali, is-sajd u l-akkwakultura, is-*** |

| | |
|---|---|
| ***ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli;*** | ***sigurtà marittima, il-politika kummerċjali u tal-iżvilupp***; |

Or. en

**Emenda 90**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jilqa'*** l-Patt Ewropew għall-Oċeani ***bħala*** strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ***, ir-responsabbiltà ambjentali*** u d-diplomazija; ***jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli;*** | 3. ***Jinnota li*** l-Patt Ewropew għall-Oċeani ***huwa*** strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ u d-diplomazija ***filwaqt li tinkorpora t-tliet pilastri tas-sostenibbiltà (il-protezzjoni ambjentali, l-ekwità soċjali, u l-vijabbiltà ekonomika); jisħaq, madankollu, li l-implimentazzjoni ma għandhiex twassal għal saffi żgodda ta' burokrazija tal-UE jew obbligi għall-Istati Membri lil hinn mit-trattati eżistenti;*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is- | 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is- |

| | |
|---|---|
| sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; | sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ***l-ekonomija blu, il-produzzjoni mill-akkwakultura,*** ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura***, il-kummerċ***, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; |

Or. es

**Emenda 92**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; | 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali ***konġunti***, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; |

Or. fr

**Emenda 93**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, ***il-protezzjoni*** tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; | 3. Jilqa' l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, ***l-aspetti*** tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta' taħlita ta' skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista' żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; |

Or. en

**Emenda 94**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jafferma mill-ġdid li t-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli jridu jmorru id f'id mal-protezzjoni tas-sajjieda u mal-awtonomija strateġika tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 95**
**France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran li jmiss bħala inizjattiva*** | ***imħassar*** |

***ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu;***

Or. fr

**Emenda 96**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran li jmiss bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran ***li jmiss bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità*** fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; | 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran ***ippubblikat bil-għan li jgħin jimmobilizza proġetti reġjonali fuq skala kbira li joħolqu opportunitajiet għall-persuni u n-negozji, b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażagħ, in-nisa, u n-negozji żgħar; jitlob li jittieħdu azzjonijiet konkreti b'segwitu ta' din l-inizjattiva bit-tama li ġġib magħha paċi, stabbiltà u prosperità msaħħa*** fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; |

Or. en

**Emenda 98**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran ***li jmiss*** bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; | 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; ***jissottolinja li l-Patt għandu jipprovdi qafas ta' governanza tant meħtieġ għal-Lvant tal-Mediterran, li jrawwem il-kooperazzjoni reġjonali fis-sigurtà marittima, il-protezzjoni ambjentali, u l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu;*** jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal |

dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu;

Or. en

**Emenda 99**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran ***li jmiss*** bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; | 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; ***jinnota b'mod partikolari l-enfasi fuq il-promozzjoni u t-titjib tal-oqfsa legali relatati mal-RFMOs u l-ġlieda kontra s-sajd IUU fil-Mediterran permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza;*** jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; |

Or. en

**Emenda 100**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran ***li jmiss*** bħala inizjattiva | 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran bħala inizjattiva ewlenija biex |

| | |
|---|---|
| ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; | jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn, ***b'mod partikolari fir-rigward tas-sajd IUU,*** biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu ***u tal-Baħar l-Iswed***; |

Or. fr

**Emenda 101**
**Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran li jmiss bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; | 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran li jmiss bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, ***is-sovranità tal-ikel,*** l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; |

Or. es

**Emenda 102**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran li jmiss bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; | 4. Jilqa' l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran li jmiss bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, ***b'mod partikolari l-FAO,*** tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; |

Or. fr

**Emenda 103**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Jilqa' l-Patt*** il-Ġdid għall-Mediterran ***li jmiss bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità*** fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; | 4. ***Jinnota l-preżentazzjoni tal-Patt*** il-Ġdid għall-Mediterran ***bil-għan li jipproponi sħubija ġdida*** fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta' inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu; |

Or. en

**Emenda 104**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li ***tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet*** tas-sajd ***il-ġodda*** maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE ***tirrispetta l-parir xjentifiku, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi kif ukoll il-ħtiġijiet tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi lokali, filwaqt li*** żżomm flotta tas-sajd li ***tibbenefika minn opportunitajiet*** tas-sajd ***ġodda*** maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs; ***jisħaq, f’dan ir-rigward, fuq l-importanza li jiġu ssalvagwardjati l-għajxien u n-nisġa soċjali tal-komunitajiet kostali, filwaqt li jiġu appoġġjati s-sajjieda fuq skala żgħira u dawk artiġjanali, u jiġi żgurat li l-opportunitajiet ġodda tas-sajd li jinħolqu bl-espansjoni tal-SFPAs jikkontribwixxu għar-reżiljenza ekonomika lokali u għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi;*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Emma Fourreau, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l- | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l- |

oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li ***jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs***;

oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq ***li jiġi implimentat l-Għan ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDG) 14,*** li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li ***jiġu żgurati miżuri li jipproteġu r-riżorsi tal-baħar, is-sigurtà tal-ikel u l-għajxien ta’ komunitajiet tas-sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar Globali; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi implimentata l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp fil-politiki kummerċjali tas-sajd u tal-frott tal-baħar***; ***ifakkar fil-ħtieġa li tittejjeb it-trasparenza, inkluża l-konformità mar-regoli tal-UE dwar is-sidien benefiċjarji tal-UE;***

Or. en

**Emenda 106**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li ***dawn il-ftehimiet jintużaw bħala pjattaforma biex tiġi approfondita aktar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab kemm b’mod bilaterali u biex tissaħħaħ l-azzjoni komuni fil-fora internazzjonali bħal fl-RFMOs kif ukoll li*** jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt |

| | |
|---|---|
| | li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista' tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs; |

Or. en

**Emenda 107**
**France Jamet, António Tânger Corrêa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni ***tagħmel użu sħiħ minn diplomazija*** robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex ***tmexxi*** 'l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), ***b'enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista' tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs;*** | 5. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jaħsbu mill-ġdid bis-sħiħ f'diplomazija*** robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika ***tas-sovranità tal-Istati*** biex ***imexxu*** 'l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs) ***imġedda waqt li jieħdu vantaġġ mill-interessi taż-żewġ partijiet u s-sajd artiġjanali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.*** |

Or. fr

**Emenda 108**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu ***sħiħ*** minn diplomazija ***robusta*** dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu minn diplomazija ***bbilanċjata u trasparenti*** dwar l-oċeani bħala għodda |

’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs;

strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), ***filwaqt li jiġi żgurat skrutinju parlamentari*** b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs***, filwaqt li ma ninsewx is-sostenibbiltà tas-sajd fuq skala żgħira u dak artiġjanali tagħna stess***;

Or. en

**Emenda 109**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li ***jenfasizza l-ħtieġa*** li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs, ***bħal klawżoli mera, filwaqt li jiġu rrispettati l-bżonnijiet tal-ikel tal-komunitajiet kostali tal-pajjiżi terzi u l-ekosistemi tagħhom. Ifakkar fil-ħtieġa*** li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd |

il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs;

Or. fr

**Emenda 110**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ ***minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi 'l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet*** reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u ***tal-ftehimiet*** ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b'enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista' tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ ***mill-parteċipazzjoni tagħha fl-organizzazzjonijiet*** reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u l-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs) ***u tużahom bħala għodod strateġiċi biex tavvanza l-objettivi tal-UE***, b'enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista' tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs ***biex tiġi żgurata s-sovranità tal-ikel tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 111**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi 'l quddiem l-objettivi komuni permezz ***tal-*** | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi 'l quddiem l-objettivi komuni permezz ***tal-*** |

| | |
|---|---|
| ***organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd*** u tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b'enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista' tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs; | ***RFMOs*** u tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b'enfasi partikolari fuq ***il-governanza sostenibbli, il-konformità u*** li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista' tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs; |
| | Or. en |

**Emenda 112**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jilqa' t-tħabbira ta' ġenerazzjoni ġdida ta' SFPAs allinjati mal-istrateġiji reġjonali tal-UE għall-Afrika u l-Indo-Paċifiku u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn il-ftehimiet isaħħu wkoll it-tmexxija globali tal-UE fil-promozzjoni ta' sħubijiet tas-sajd sostenibbli, trasparenti u ġusti; jisħaq li l-SFPAs iridu jiżguraw trattament ġust u mhux diskriminatorju ta' bastimenti tal-UE, b'tariffi tal-aċċess u kundizzjonijiet li huma proporzjonati u trasparenti; jissottolinja li l-bastimenti kollha li joperaw fiż-ŻEE ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti finanzjarji u tekniċi f'konformità mal-prinċipju ta' kundizzjonijiet ekwi;*** |
| | Or. en |

**Emenda 113**
**Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza l-valur strateġiku tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs) bħala strument tad-diplomazija tal-oċeani u ta' projezzjoni esterna tal-Unjoni; jinsisti li dawn il-ftehimiet irid ikollhom finanzjament suffiċjenti, indipendenti u prevedibbli fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, aġġustat għall-inflazzjoni u li jiggarantixxi l-kontinwità tagħhom, impatt reali fuq il-pajjiżi sħab, u kontribut għas-sigurtà tal-ikel, it-traċċabbiltà u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq Ewropew;*** |

Or. es

**Emenda 114**
**Emma Fourreau, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiddefendu mandati ambizzjużi fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd li jiżguraw is-saħħa tal-popolazzjonijiet tal-ħut u tal-ekosistemi tal-baħar, kontroll effiċjenti tas-sajd, mekkaniżmi ta' infurzar u konformità b'saħħithom, l-integrazzjoni ta' strateġiji biex jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima u jsir adattament għalih kif ukoll miżuri ġusti li jqisu l-ħtiġijiet tal-pajjiżi kostali li qed jiżviluppaw u tal-komunitajiet lokali;*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tippersisti fl-isforzi tagħha, b'mod partikolari permezz tal-azzjoni tagħha fl-RFMOs u fin-network tagħha ta' SFPAs, biex iġġib trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar għan-nazzjonijiet kollha tas-sajd, speċjalment dawk li jikkompetu mal-flotot tal-UE iżda li ma jirrispettawx l-istess standards għoljin, filwaqt li jiġi żgurat li dawn jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet tal-flotta tagħhom, jirrapportaw il-qabdiet tagħhom b'mod preċiż u jikkonformaw mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni;*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jirrikonoxxi l-importanza ta' ġenerazzjoni ġdida ta' SFPAs kif imħabbar fil-Patt Ewropew għall-Oċeani; jenfasizza li l-ġenerazzjoni l-ġdida tal-SFPAs, minbarra l-allinjament mal-istrateġiji u l-prijoritajiet reġjonali usa' tal-UE, għandha tkun ukoll opportunità biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-flotta, titnaqqas il-pressjoni fi stokkijiet sfruttati ħafna, tiġi ddiversifikata l-oriġini tal-prodotti tas-sajd u titnaqqas id-dipendenza minn prodotti tas-sajd ta' pajjiżi terzi;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sajd fuq skala żgħira fis-sostenn tal-ekonomiji lokali u l-komunitajiet madwar id-dinja; jistieden lill-Istati Membri jintegraw ġestjoni tas-sajd ibbażata fil-komunità u qsim ekwu ta' benefiċċju fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom biex jiġi żgurat li l-valur iġġenerat mir-riżorsi tal-baħar jibqa' fiż-żoni lokali;*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jisteden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikjedu r-reġistrazzjoni ta' sjieda ta' bastimenti b'riskju għoli li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi mhux tal-UE u li jwaqqfu l-użu tal-bandiera ta' konvenjenza minn bastimenti proprjetà tal-UE biex jiżguraw li l-UE tissodisfa l-politika tagħha ta' tolleranza żero għas-sajd IUU;*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jitlob li tissaħħaħ il-klawżola tan-nondiskriminazzjoni fil-Protokolli futuri tal-SFPA, filwaqt li jiġi żgurat li l-pajjiżi sħab ma jagħtux aktar kundizzjonijiet favorevoli, finanzjarji jew tekniċi, lil flotot barranin oħra li joperaw fl-ilmijiet tagħhom, u li dawn il-klawżoli jiġu mmonitorjati u msaħħa b'mod effettiv; jinnota li hemm informazzjoni limitata fl-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u l-effettività tal-klawżoli tan-nondiskriminazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi b'mod sistematiku informazzjoni u analiżi ddettaljati dwar dan l-aspett fir-rapporti ta' evalwazzjoni futuri tal-SFPA;*** |

Or. en

**Emenda 120**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Iqis li l-operazzjonijiet tas-sajd taċ-Ċina jqajmu tħassib sinifikanti għall-flotot tal-Unjoni Ewropea; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' djalogu strutturat kontinwu maċ-Ċina fil-qafas tas-Sħubija Blu; jenfasizza l-ħtieġa li ċ-Ċina tirratifika l-ftehim dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port; jinsisti fuq trasparenza akbar fl-attivitajiet tas-sajd tagħha; jissottolinja li l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-prodotti tal-frott tal-baħar iridu jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni Ewropea, inkluża t-*** |

***traċċabbiltà;***

Or. en

**Emenda 121**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw u jippromwovu l-ogħla standards globali soċjali u tas-sikurezza f'dak li jirrigwardja l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-sajd u japprovaw standards li jipproteġu lill-ħaddiema f'konformità mal-konvenzjonijiet tal-ILO; jisħaq li fil-qafas tad-dimensjoni esterna tal-Politiki Komuni tas-Sajd, l-UE għandha timplimenta wkoll tali standards, inkluż fl-SFPAs tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Iħeġġeġ lill-Istati Membri japplikaw il-miżuri possibbli kollha għal-limitazzjoni tal-bnadar ta' konvenjenza u l-bdil tal-bandiera bħala mezz tal-ġlieda kontra s-sajd IUU u l-iżgurar tal-konformità ma' standards tas-sostenibbilta għoljin, bil-għan li jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi mal-flotot tal-UE; iħeġġeġ, bl-istess mod, lill-Istati Membri*** |

***jkomplu jippromwovu t-trasparenza tal-istrutturi korporattivi;***

Or. en

**Emenda 123**
**Giuseppe Lupo, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-estensjoni tal-SFPAs għall-pajjiżi sħab Mediterranji sabiex tiġi promossa ġestjoni kondiviża tar-riżorsi tal-baħar, kundizzjonijiet ekwi u l-istabbiltà reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Emma Fourreau, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO għal Sajd Sostenibbli fuq Skala Żgħira, biex jipproteġu d-drittijiet ta' dominju tas-sajjieda fuq skala żgħira u l-aċċess għar-riżorsi tas-sajd u biex jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' sajjieda fuq skala żgħira fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom;*** |

Or. en

**Emenda 125**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Ifakkar li l-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw limitazzjonijiet naturali u ġeografiċi permanenti li jaffettwaw il-kompetittività tal-flotot tas-sajd tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri speċifiċi biex tappoġġja l-ekonomiji tal-gżejjer u s-sajd li jopera f'kundizzjonijiet żvantaġġati strutturalment;*** |

Or. en

**Emenda 126**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jitlob li jissaħħaħ ir-rwol tal-RFMOs u li dawn ma jiġux imminati mill-istrumenti internazzjonali jew globali jew il-ftehimiet dwar il-governanza tal-oċeani; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv mas-sħab internazzjonali f'dawn l-organizzazzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-objettivi tal-PKS ikunu integrati bis-sħiħ fil-pożizzjoni tal-UE fil-fora ambjentali internazzjonali kollha, bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) jew il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), fejn jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;*** |

Or. en

**Emenda 128**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Itenni li l-azzjoni esterna tal-UE fis-sajd trid tużgura reċiproċità sħiħa fl-istandards ambjentali, soċjali u tax-xogħol bejn l-operaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 129**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jilqa' l-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd tal-WTO bħala pass ewlieni 'l quddiem lejn it-twaqqif ta' sussidji ta' ħsara li jikkontribwixxu għas-sajd eċċessiv;*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5e. Iqis li l-ġenerazzjoni l-ġdida tal-SFPAs għandu jkollha rwol ewlieni bħala għodod tad-diplomazija u l-governanza internazzjonali tal-oċeani, b'qafas robust u koerenti, b'komunikazzjoni xierqa dwar l-importanza tagħhom; jitlob li jintemmu l-"ftehimiet mhux attivi" mingħajr il-ħtieġa ta' denunzja formali, sabiex l-operaturi tal-UE jkunu jistgħu jistadu b'mod partikolari taħt awtorizzazzjonijiet diretti; jitlob ukoll li jiġi żgurat li l-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd tal-WTO jeskludi b'mod espliċitu l-SFPAs mill-ambitu tiegħu sabiex tiġi evitata l-interpretazzjoni ħażina u jiġu protetti l-ftehimiet tal-UE; jitlob ukoll li jiġi żgurat li ma jingħatawx kundizzjonijiet aktar favorevoli lil flotot mhux tal-UE b'distanzi twal li joperaw fiż-ŻEE ta' pajjiżi terzi;*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5f (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5f. Jirrikonoxxi l-importanza strateġika ta' impriżi konġunti fis-sajd bħala mudell utli ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi (mhux tal-*** |

***UE); jenfasizza li dawn l-iskemi jiġġeneraw valur ekonomiku u soċjali kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi terzi, filwaqt li jiżguraw il-provvista ta' proteina tal-baħar ta' kwalità għolja u maqbdua b'mod sostenibbli lill-konsumaturi Ewropej; l-impriżi konġunti normalment jintroduċu standards ekonomiċi, soċjali u ambjentali li huma ogħla minn dawk applikati fil-pajjiżi terzi u minn flotot barranin oħra; għalhekk, dawn jippromwovu sajd responsabbli, impjiegi ġusti u tkabbir sostenibbli, filwaqt li jikkontribwixxu b'mod dirett għal diversi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll għall-objettivi tal-UE fil-governanza tal-oċeani;***

Or. en

**Emenda 132**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jappoġġja l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà marittima u l-infrastruttura kritika fil-ftehimiet u s-sħubijiet kummerċjali tal-UE***, filwaqt li jiżgura li*** s-sigurtà marittima ***ssir*** komponent ewlieni tal-istrateġija Global Gateway tal-UE u tal-aġenda ekonomika u diplomatika esterna tal-UE; | 6. Jappoġġja l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà marittima u l-infrastruttura kritika fil-ftehimiet u s-sħubijiet kummerċjali tal-UE ***abbażi tad-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja li*** s-sigurtà marittima ***ma għandhiex tinkludi biss il-protezzjoni tar-rotot kummerċjali u l-infrastruttura kritika iżda wkoll is-salvagwardja tal-ekosistemi tal-baħar u l-għajxien tal-komunitajiet kostali; jisħaq ukoll li l-inklużjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandha tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-attivitajiet illeċiti bħas-sajd IUU, it-tniġġis, ix-xogħol furzat u t-traffikar, filwaqt li jiġu promossi t-trasparenza, ir-reżiljenza, u l-ekonomiji blu sostenibbli; jitlob li s-sigurtà*** |

***marittima tiġi stabbilita bħala*** komponent ewlieni tal-istrateġija Global Gateway tal-UE u tal-aġenda ekonomika u diplomatika esterna tal-UE;

Or. en

**Emenda 133**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jappoġġja l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà marittima u l-infrastruttura kritika fil-ftehimiet u s-sħubijiet kummerċjali tal-UE, filwaqt li jiżgura li s-sigurtà marittima ssir komponent ewlieni tal-istrateġija Global Gateway tal-UE u tal-aġenda ekonomika u diplomatika esterna tal-UE; | 6. Jappoġġja l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà marittima u l-infrastruttura kritika fil-ftehimiet u s-sħubijiet kummerċjali tal-UE, filwaqt li jiżgura li s-sigurtà marittima ssir komponent ewlieni tal-istrateġija Global Gateway tal-UE u tal-aġenda ekonomika u diplomatika esterna tal-UE; ***jilqa' wkoll is-CTIP (Sħubija għal Kummerċ u Investimenti Nodfa) bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel biex jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' kummerċ u investiment filwaqt li jiġu appoġġjati objettivi ta' dekarbonizzazzjoni permezz ta' approċċ imfassal apposta, flessibbli, u mmirat billi jitqiesu l-prijoritajiet tan-Naħat;*** |

Or. en

**Emenda 134**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jappoġġja l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà marittima | 6. Jappoġġja l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà marittima |

| | |
|---|---|
| u l-infrastruttura kritika fil-ftehimiet u s-sħubijiet kummerċjali tal-UE, filwaqt li jiżgura li s-sigurtà marittima ***ssir*** komponent ewlieni tal-istrateġija Global Gateway tal-UE u tal-aġenda ekonomika u diplomatika esterna tal-UE; | u l-infrastruttura kritika fil-ftehimiet u s-sħubijiet kummerċjali tal-UE, filwaqt li jiżgura li s-sigurtà marittima***, li se tkun ukoll ta' benefiċċju għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajd u għas-sajjieda tal-UE, issir*** komponent ewlieni tal-istrateġija Global Gateway tal-UE u tal-aġenda ekonomika u diplomatika esterna tal-UE; |

Or. en

**Emenda 135**
**France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Jinnota b'approvazzjoni l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-Kummissjoni, appoġġjati minn finanzjament ta' EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli; jilqa' l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 136**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota b'approvazzjoni l- | 7. Jinnota b'approvazzjoni l- |

| | |
|---|---|
| komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-Kummissjoni, ***appoġġjati minn*** finanzjament ta' EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli; jilqa' l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE; | komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-Kummissjoni, ***filwaqt li jesprimi riżervi dwar l-ammont ta'*** finanzjament ta' EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli***, bl-għarfien li d-diplomazija kollha timpika kapaċità ta' projezzjoni li bilfors tiswa ħafna flus, għalhekk jeħtieġ li jiġu raggruppati l-kapaċitajiet attwali u dawk ġodda, bħal droni jew l-użu ta' Copernicus marittima***; jilqa' l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE***, filwaqt li jesprimi dispjaċir għar-riskji tal-kompetizzjoni bejn is-setturi marittimi fl-aċċess għal dawn il-fondi***; |
| | Or. fr |

**Emenda 137**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Jinnota b'approvazzjoni l-komunikazzjoni*** konġunta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani ***mill-Kummissjoni, appoġġjati minn finanzjament ta' EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli***; ***jilqa' l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element*** | 7. Jieħu nota ***tal-komunikazzjoni*** konġunta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani; |

***strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE;***

Or. en

**Emenda 138**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota b'approvazzjoni l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-Kummissjoni***,*** ***appoġġjati minn*** finanzjament ta' EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli; jilqa' l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE; | 7. Jinnota b'approvazzjoni l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-Kummissjoni***; iqis li huwa fundamentali li jiġi żgurat l-appoġġ finanzjarju meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għall-Oċeani, b'mod partikolari li l-appoġġ imħabbar ta'*** finanzjament ta' EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli***, jiġi delimitat fir-regolament futur dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali***; jilqa' l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE; |

Or. en

**Emenda 139**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota b'approvazzjoni l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni | 7. Jinnota b'approvazzjoni l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni |

| | |
|---|---|
| tal-24 ta’ Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-Kummissjoni, appoġġjati minn finanzjament ta’ EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta’ ekonomija blu sostenibbli; jilqa’ l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE; | tal-24 ta’ Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-Kummissjoni, appoġġjati minn finanzjament ta’ EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta’ ekonomija blu sostenibbli; jilqa’ l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE; ***iqis li għandu jiġi pprovdut finanzjament sufiċjenti u adegwat għad-diplomazija u l-governanza tal-oċeani taħt il-Qafas Finanzjarju Plurieannli (MFQ) il-ġdid għall-2028–2034;*** |
| | Or. en |

**Emenda 140**
**Piotr Müller, Nora Junco García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi, taħt il-Patt Ewropew għall-Oċeani, inizjattiva ddedikata “Clean Baltic” li tindirizza l-isfidi ambjentali u tas-sikurezza uniċi tal-Baħar Baltiku; jissottolinja li r-reġjun għadu affettwat ħafna mill-ewtrofikazzjoni, it-tniġġis u l-preżenza ta’ fdalijiet tal-gwerra perikolużi, inklużi munizzjonijiet, aġenti kimiċi u kontaminanti oħra f’qiegħ il-baħar;*** |
| | Or. en |

**Emenda 141**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, ***tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali*** u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; | 8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati ***rilevanti*** biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, ***l-implimentazzjoni ta' aktar teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija*** u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; ***jisħaq, madankollu, li dawn l-iżviluppi jridu jibqgħu ekonomikament realistiċi u ma jridux jippreġudikaw il-vijabbiltà tal-flotot u s-sajd fuq skala żgħira tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 142**
**Fredis Beleris**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; | 8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, ***it-trasport fuq l-ilma,*** l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; |

Or. el

**Emenda 143**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; | 8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu ***ġust u*** sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; |

Or. en

**Emenda 144**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; | 8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ***akkwatiċi*** tal-baħar; |

Or. en

**Emenda 145**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-UE ***tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex*** tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; | 8. Iħeġġeġ lill-UE ***tibda*** tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, ***taħriġ,*** tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; |

Or. fr

**Emenda 146**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jenfasizza wkoll ir-rwol ewlieni tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal fir-rigward tal-formulazzjoni, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-parir tiegħu jitqies kif xieraq fid-deċiżjonijiet u fl-azzjonijiet finali;** |

Or. en

**Emenda 147**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti l-investiment fit-taħriġ tad-diplomatiċi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-għarfien espert fil-governanza marittima u tal-oċeani fi ħdan id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi kostali; jitlob l-involviment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-promozzjoni tal-importanza strateġika tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani; | 9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti l-investiment fit-taħriġ tad-diplomatiċi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-għarfien espert fil-governanza marittima u tal-oċeani fi ħdan id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi kostali; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb il-ftehim tal-investimenti, tal-operazzjonijiet u tal-isfidi tal-ekonomja blu tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom u*** jitlob l-involviment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-promozzjoni tal-importanza strateġika tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani; |

Or. en

**Emenda 148**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti l-investiment fit-taħriġ tad-diplomatiċi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-għarfien espert fil-governanza marittima u tal-oċeani fi ħdan id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi kostali; jitlob l-involviment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-promozzjoni tal-importanza strateġika tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani; | 9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti l-investiment fit-taħriġ tad-diplomatiċi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-għarfien espert fil-governanza marittima u tal-oċeani fi ħdan id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi kostali; jitlob l-involviment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-promozzjoni tal-importanza strateġika tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani ***bl-appoġġ jew bil-gwida tad-direzzjonijiet ġenerali kompetenti tal-Kummissjoni, bħad-DĠ MARE, CLIM jew INTPA***; |

Or. fr

**Emenda 149**
**France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti l-investiment fit-taħriġ tad-diplomatiċi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-għarfien espert fil-governanza marittima u tal-oċeani fi ħdan id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi kostali; ***jitlob l-involviment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-promozzjoni tal-importanza strateġika tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani;*** | 9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti l-investiment fit-taħriġ tad-diplomatiċi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-għarfien espert fil-governanza marittima u tal-oċeani fi ħdan id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi kostali; |

Or. fr

**Emenda 150**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti ***l-investiment fit-taħriġ tad-diplomatiċi Ewropej*** dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq ***it-tisħiħ tal-għarfien espert fil-governanza marittima u tal-oċeani fi ħdan id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi kostali; jitlob l-involviment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-promozzjoni tal-*** | 9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti ***l-kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)*** dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq ***il-ġlieda kontra s-sajd IUU, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili lejn il-bastimenti tal-UE u l-infrastruttura tal-UE f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u mal-RFMOs fl-ilmijiet internazzjonali;*** |

***importanza strateġika tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani;***

Or. en

**Emenda 151**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jisħaq li RFMOs b'mandat qawwi, li jirriżultaw f'negozjati multilaterali effettivi u konformità tar-regoli komuni, huma ċentrali biex tinkiseb il-kompetittività fis-sajd u l-akkwakultura, u b'hekk tiġi enfasizzata l-importanza tal-investimenti fil-kapaċità ta' dawn l-RFMOs u t-tisħiħ tad-diplomazija tal-UE f'dawn il-fora;*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 153**
**Thomas Bajada, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; | 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura ***ekwu,*** sostenibbli u kompetittiv; ***jenfasizza li l-Politika Komuni tas-Sajd tibqa' ċentrali biex tiġi ggarantita provvista stabbli tal-frott tal-baħar għall-konsumaturi tal-UE, u jitlob implimentazzjoni u infurzar imsaħħa biex jiġi realizzat il-potenzjal tagħha fl-appoġġ tas-sigurtà u l-kompetittività tal-ikel;*** |

Or. en

**Emenda 154**
**Karin Karlsbro, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi ***u*** jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob ***li jkun hemm*** aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal- | 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi**,** jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel ***u jinħoloq settur li jrendi l-qligħ bi standards tas-sostenibbiltà komuni msaħħa sabiex titwitta b'mod aħjar it-triq għall-iżvilupp ta' dawn l-istandards fuq livell globali***; jitlob***, f'dan ir-rigward, azzjonijiet bħal*** aċċess simplifikat għaż- |

| | |
|---|---|
| akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; | żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; |

Or. en

**Emenda 155**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; | 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; ***jitlob ukoll aktar fondi għall-ħolqien ta' proġetti pilota li għandhom l-għan li jistudjaw l-effettività taż-żoni ta' tkabbir diġà stabbiliti fil-Mediterran;*** |

Or. it

**Emenda 156**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. ***Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet*** amministrattivi u ***jitħaffu l-*** | 10. ***Minħabba l-fatt li l-evalwazzjoni tal-PKS se timmira biss lejn ir-*** |

| | |
|---|---|
| ***proċeduri*** għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; | ***Regolament Bażiku tal-PKS 2013, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tnaqqas il-pożijiet*** amministrattivi ***bħala kwistjoni ta' urġenza permezz ta' proposta omnibus*** u ***tħaffef il-proċeduri*** għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; |

Or. en

**Emenda 157**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; | 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu ***b'mod drastiku*** l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; ***jirrikonoxxi li regolamentazzjoni eċċessiva tal-UE dgħajfet il-kompetittività tas-sajd u l-produtturi lokali fuq skala żgħira;*** jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; |

Or. en

**Emenda 158**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza ***l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu*** l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess ***simplifikat*** għaż-żoni tal-art u dawk kostali ***permezz ta' kooperazzjoni*** mal-Bank Ewropew tal-Investiment ***u mal-awtoritajiet*** lokali***, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur*** tal-akkwakultura ***sostenibbli u kompetittiv***; | 10. Jenfasizza ***l-importanza li jiġi żgurat li*** l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel ***ikunu effiċjenti, trasparenti, u xprunati mis-sostenibbiltà, mingħajr ma jiddgħajfu s-salvagwardji ambjentali jew soċjali***; jitlob li jkun hemm aċċess ġust għaż-żoni tal-art u dawk kostali***, żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib*** mal-Bank Ewropew tal-Investiment***, mal-komunitajiet*** lokali***, u mal-awtoritajiet, bħala pedament għal settur*** tal-akkwakultura ***reżiljenti u li ma jagħmilx ħsara lill-klima***; |

Or. en

**Emenda 159**
**France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; | 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà ***u s-sovranità*** tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; |

Or. fr

**Emenda 160**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv; | 10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli***, reġjonali*** u kompetittiv; |

Or. fr

**Emenda 161**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jisħaq li s-sajd u l-akkwakultura huma assi strateġiċi għas-sigurtà tal-ikel u għall-iżvilupp rurali; jinsisti li l-miżuri ambjentali ma jridux jimminaw il-vijabbiltà soċjoekonomika, jissottolinja li l-flotta tas-sajd tal-Mediterran hija fil-biċċa l-kbira magħmula minn bastimenti fuq skala żgħira, li jammontaw għal madwar 80 % tal-flotta totali tal-UE fir-reġjun, u diġà qed taffaċċja diversi sfidi li jaffettwaw l-attraenza u s-sostenibbiltà soċjoekonomika tas-settur; jistieden lill-UE tirrikonoxxi l-identità u r-rwol usa' tas-sajjieda bħala kustodji tal-ambjent tal-baħar u xprun tal-iżvilupp lokali fil-komunitajiet kostali;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jissottolinja l-urġenza li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi u li jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi għall-intrapriżi tas-sajd, b'mod partikolari fir-reġjuni insulari u ultraperiferiċi, fejn il-kumplessità regolatorja hija ostaklu għall-kompetittività u l-aċċess effettiv għall-fondi;*** |

Or. it

**Emenda 163**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi u x-xejriet strutturali li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd; | 11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi u x-xejriet strutturali li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd ***u tal-akkwakultura, u tiżviluppa miżuri li jsaħħu l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli eżistenti, filwaqt li tiżgura li dawn jilħqu l-għanijiet tagħhom u tipproponi soluzzjonijiet li jiżguraw tranżizzjoni ġusta***; |

Or. en

**Emenda 164**
**Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi u x-xejriet strutturali li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd; | 11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi u x-xejriet strutturali li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd***, u tindirizzahom permezz ta' mandat politiku ċar u miżuri konkreti u immedjati li jipprevjenu milli l-flotta tas-sajd Ewropea tgħib ftit ftit;*** ; |

Or. es

**Emenda 165**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi u x-xejriet ***strutturali*** li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd; | 11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi ***strutturali u ambjentali, l-ispejjeż għall-kontribwenti tal-UE,*** u x-xejriet li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd; |

Or. en

**Emenda 166**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi u x-xejriet strutturali li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd; | 11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi u x-xejriet strutturali ***globali*** li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd; |

Or. en

**Emenda 167**
**Piotr Müller, Nora Junco García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu s-sajd ibbażat fil-familja u fuq skala żgħira bħala pedament tal-ekonomiji kostali u l-wirt marittimu;*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jitlob miżuri mmirati biex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali u tissaħħaħ l-attraenza tal-karrieri fis-sajd permezz ta' investimenti fi flotot tas-sajd moderni, sikuri u diġitalizzati, programmi ta' taħriġ, inizjattivi ta' prevenzjoni tal-mard u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli portwarji u doganali, billi jagħmlu użu sħiħ minn aġenzija doganali ġdida tal-UE, bil-għan li jipproteġu lis-sajjieda mit-traffikanti tad-droga u tal-migranti u jsaħħu t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-baħar importati; | 12. Jitlob miżuri mmirati biex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali u tissaħħaħ l-attraenza tal-karrieri fis-sajd permezz ta' investimenti fi flotot tas-sajd moderni, sikuri u diġitalizzati, programmi ta' taħriġ, inizjattivi ta' prevenzjoni tal-mard u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli portwarji u doganali, billi jagħmlu użu sħiħ minn aġenzija doganali ġdida tal-UE, bil-għan li jipproteġu lis-sajjieda mit-traffikanti tad-droga u tal-migranti u jsaħħu t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-baħar importati; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-atturi kkonċernati kollha jimpenjaw ruħhom favur implimentazzjoni malajr tas-sistema informatika CATCH għall-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura li jiġu importati fl-Unjoni, u tippromwovi l-użu volontarju tas-sistema mill-pajjiżi terzi;*** |

Or. fr

**Emenda 169**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jitlob miżuri mmirati biex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali u tissaħħaħ l-attraenza tal-karrieri fis-sajd permezz ta' investimenti fi flotot tas-sajd moderni, sikuri u diġitalizzati, programmi ta' taħriġ, inizjattivi ta' prevenzjoni tal-mard u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli portwarji u doganali, billi jagħmlu użu sħiħ minn aġenzija doganali ġdida tal-UE, bil-għan li jipproteġu lis-sajjieda mit-traffikanti tad-droga u tal-migranti u jsaħħu t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-baħar importati; | 12. Jitlob miżuri mmirati biex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali u tissaħħaħ l-attraenza tal-karrieri fis-sajd permezz ta' investimenti fi flotot tas-sajd moderni, sikuri u diġitalizzati ***mingħajr ma tiżdied il-kapaċità tagħhom li jistadu jew mingħajr ma jiżdiedu l-ispejjeż operazzjonali tagħhom, filwaqt li l-istokkijiet tal-ħut jerġgħu jinbnew għal livelli f'saħħithom u reżiljenti***, programmi ta' taħriġ, ***ambjent sostenibbli tal-opportunitajiet tas-sajd, allokazzjoni ġusta tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-operaturi tal-UE u mhux tal-UE u fi ħdanhom, kif ukoll*** inizjattivi ta' prevenzjoni tal-mard u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli portwarji u doganali, billi jagħmlu użu sħiħ minn aġenzija doganali ġdida tal-UE, bil-għan li jipproteġu lis-sajjieda mit-traffikanti tad-droga u tal-migranti u jsaħħu t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-baħar importati; |

Or. en

**Emenda 170**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill- | 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill- |

Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar ***fuq il-konservazzjoni*** u ***fuq*** l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali s***abiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali***;

Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim ***BBNJ*** fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar ***biex jiġu żgurati l-konservazzjoni effettiva u*** l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali***, u jitlob li l-qafas il-ġdid jopera b'mod ikkoordinat u komplementari mal-korpi internazzjonali eżistenti, bħall-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs), l-FAO, l-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (IMO), kif ukoll il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS); jisħaq li la l-Ftehim u lanqas id-Direttiva ta' traspożizzjoni ma għandhom jimminaw ir-rwoli, il-mandati, il-kompetenzi ta' dawn il-korpi, l-acquis tal-UE, jew il-kompetenzi tal-Istati Membri***;

Or. en

**Emenda 220**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. ***Jilqa' t-tmexxija*** tal-UE ***fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali***; | 16. ***Jirrikonoxxi l-ambizzjoni*** tal-UE ***li jkollha rwol ewlieni fil-governanza globali tal-oċeani, filwaqt li jinnota li t-tmexxija vera tista' tinkiseb biss permezz tal-effettività, il-kompetittività u politiki realistiċi***; |

Or. en

**Emenda 221**
**Emma Fourreau, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; | 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; ***jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim BBNJ u x-xogħol imwettaq mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tas-Sajd (RFMOs);*** |

Or. en

**Emenda 222**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni | 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni |

| | |
|---|---|
| Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; ***jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim*** fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; | Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; ***jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim*** fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali ***li sar fid-19 ta' Settembru 2025 u jitlob li dan jiġi implimentat malajr u jħeġġeġ lill-pajjiżi li fadal biex jirratifikaw il-Ftehim***; |
| | Or. en |

**Emenda 223**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; | 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali***,*** ***mingħajr ma jiġu pperikolati l-kompetenzi u s-sovranità tal-Istati Membri***; |
| | Or. en |

**Emenda 224**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; | 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali***, fir-rigward tal-kompetenzi tal-Istati Membri***; |

Or. fr

**Emenda 225**
**Michal Wiezik**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ***ratifikat u*** implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; | 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali ***li se jidħol fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2026,*** sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; |

Or. en

**Emenda 226**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; ***jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim*** fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; | 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; ***jilqa' r-ratifika malajr u jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim*** fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; |

Or. en

**Emenda 227**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ***ratifikat u*** implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni | 16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU |

| | |
|---|---|
| tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; | dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali; |

Or. en

**Emenda 228**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jilqa' l-konferma li n-nuqqas li jiġu adottati, implimentati jew infurzati miżuri għall-ġestjoni tas-sajd, kemm jekk fl-ambitu tal-RFMOs kif ukoll ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali, issa jikkosistitwixxi nuqqas ta' kooperazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni; jitlob lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tuża kwalunkwe strument ħalli ġġib lill-pajjiżi terzi jikkooperaw; bħar-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] li jistabbilixxi qafas għall-identifikazzjoni u l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward tal-pajjiżi terzi li jonqsu milli jikkooperaw u li jippermettu sajd mhux sostenibbli ta' stokk ta' interess komuni għall-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 229**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi implimentat il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tan-natura, b'mod partikolari l-miri tiegħu fir-rigward tal-ekosistemi kostali u tal-baħar li huma essenzjali għal ibħra f'saħħithom; ifakkar fl-importanza tat-tmexxija globali tal-UE f'dak ir-rigward;*** |

Or. en

**Emenda 230**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jistieden lill-UE tippromwovi l-mira għall-bijodiversità tal-baħar 30x30 u tieħu rwol ta' tmexxija fl-istabbiliment ta' network ekoloġikament koerenti ta' Żoni tal-Baħar Protetti ġestiti b'mod effettiv;*** |

Or. en

**Emenda 231**
**Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu | 17. ***Jenfasizza l-importanza li jiġi applikat approċċ ta' prekawzjoni għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar sakemm l-effetti tagħhom fuq l-ambjent u l-bijodiversità tal-baħar ikunu ġew studjati u riċerkati biżżejjed, li jippermetti lill-UE tkompli tipparteċipa*** |

jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw ***dan il-moratorju bħala kwistjoni ta'*** responsabbiltà ambjentali globali;

***fil-kompetizzjoni globali biex jiġi esplorat il-baħar fond, filwaqt li jiġu stabbiliti l-oqħla standards għal ġestjoni tar-riżorsi sostenibbli;*** jitlob***, għalhekk,*** li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar***, għal dak il-għan,*** mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw ***moratorju u jassumu b'mod kollettiv*** responsabbiltà ambjentali globali ***kif ukoll jistabbilixxu l-oqħla standards għal ġestjoni tar-riżorsi sostenibbli***;

Or. en

**Emenda 232**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw dan il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali; | 17. Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw dan il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali; ***ifakkar lill-UE u lill-Istati Membri bħala membri tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar fl-*** |

***obbligu legali tagħhom f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) biex jirrispondu b'miżuri xierqa għal kwalunkwe tentattiv sabiex tiġi evitata l-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar bħala l-korp internazzjonali kompetenti biex tirregola l-attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali;***

Or. en

**Emenda 233**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw dan il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali; | 17. Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw dan il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali; ***iwissi li kwalunkwe azzjoni unilaterali tikser id-dritt internazzjonali u l-UNCLOS, tevita taħditiet multilaterali, u tpoġġi l-ekosistemi tal-baħar u l-attivitajiet tradizzjonali bħas-sajd f'riskju kbir; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jirreaġixxu kif xieraq;*** |

Or. en

**Emenda 234**

**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. ***Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni*** minerarja minn fond il-baħar, ***mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw dan il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali***; | 17. ***Jirrikonoxxi r-riskji ambjentali tal-estrazzjoni*** minerarja minn fond il-baħar, ***iżda jisħaq li moratorju sħiħ jagħmel ħsara lill-awtonomija strateġika tal-Ewropa fl-aċċess għall-materja prima, b'mod speċjali peress li dawn huma meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew***; |

Or. en

**Emenda 235**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva ***turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema***; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw dan il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali; | 17. Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm ***ikunu disponibbli*** riċerka xjentifika komprensiva ***u għarfien dwar l-impatti tiegħu***; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw dan il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali; |

Or. en

**Emenda 236**
**Michal Wiezik**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. ***Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali*** fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar***, mill-Kummissjoni u mill-Istati*** Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw ***dan*** il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali; | 17. ***Jinnota li l-Kummissjoni tippromwovi pawża ta' prekawzjoni fuq*** l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar ***u jitlob lill-Istati*** Membri ***jikkonfermaw dan l-approċċ***, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw il-moratorju ***internazzjonali*** bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali; |

Or. en

**Emenda 237**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jitlob li jinbdew attivitajiet ta' riċerka li għandhom l-għan li jżommu sajd bit-tkarkir ibbilanċjat fil-Mediterran, bi rkaptu modern u selettiv, filwaqt li titqies is-sostenibbiltà ambjentali, iżda wkoll is-sostenibbiltà ekonomika tal-operaturi fis-settur;** |

Or. it

**Emenda 238**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jħeġġu moratorju internazzjonali fuq il-kaċċa tal-balena u ċ-ċetaċji kbar fil-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni u f'korpi internazzjonali;*** |

Or. fr

**Emenda 239**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jitlob li jiġi implimentat malajr l-Osservatorju Ewropew għall-Baħar Fond fl-Atlantiku;*** |

Or. en

**Emenda 240**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal- | 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal- |

| | |
|---|---|
| baħar protetti bħala parti minn risposta ***bbilanċjata*** għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; | baħar protetti bħala parti minn risposta għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni ***f'konformità mal-objettivi u l-obbligi skont is-Sistema tat-Trattat dwar l-Antartiku (ATS)***; ***jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-espansjoni tal-qabdiet tas-sajd tal-krill matul dan l-aħħar deċennju u t-theddid assoċjat għall-ekosistemi Antartiċi; iħeġġeġ lill-UE tiddefendi miżuri protettivi għall-ekosistemi lokali fil-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR);*** |

Or. en

**Emenda 241**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. ***Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni*** rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, ***inklużi l-Baħar*** ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti ***bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet*** dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; | 18. ***Jisħaq li kwalunkwe dežinjazzjoni*** rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, ***inkluż fl-Antartiku (il-Baħar*** ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku***), trid tkun ippreċedeuta minn valutazzjonijiet tal-impatt sħaħ u konsultazzjoni effettiva tal-partijiet ikkonċernati, ikollha objettivi ċari u monitoraġġ effettiv, miżuri ta' kontroll u sorveljanza, ibbażati fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u billi jitqiesu kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi***, jistieden lill-Kummissjoni***, jekk ikun meħtieġ, b'segwitu tal-valutazzjonijiet tal-impatt,*** tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti ***li jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu newtralizzati l-ambizzjonijiet*** dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; |

Or. en

**Emenda 242**
**Karin Karlsbro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku***, inklużi*** l-Baħar ta' Weddell ***u l-Peniżola tal-Antartiku***; jistieden lill-Kummissjoni ***tippromwovi*** b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; | 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku ***u jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu b'mod speċjali għall-isforzi li saru mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha biex jistabbilixxu żewġ MPAs ġodda fl-Antartiku fil-Lvant u*** l-Baħar ta' Weddell ***fl-Oċean Antartiku***; jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jippromwovu*** b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni ***u jintensifikaw l-isforzi bilaterali u multilaterali tagħhom biex jiżguraw l-appoġġ għall-istabbiliment ta' MPAs ġodda***; |

Or. en

**Emenda 243**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; | 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ***u potenzjalment mhux sostenibbli*** ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; ***jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw in-newtralità speċifiċi ta' żoni*** |

***sensittivi tal-Artiku u l-Antartiku;***

Or. fr

**Emenda 244**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni ***tippromwovi*** b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; | 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jippromwovu*** b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti***, b'mod partikolari billi jagħmlu enfasi fuq il-membri tas-CCAMLR li esprimew oppożizzjoni għall-proposti tal-MPA,*** bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; |

Or. en

**Emenda 245**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; | 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; ***jenfasizza l-eżempju tajjeb tal-*** |

***Azores li ħoloq l-akbar MPA Ewropea fl-Atlantiku b'287 000 km2;***

Or. en

**Emenda 246**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni ***rapida*** ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; ***jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni;*** | 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, ***fejn ikun iġġustifikat b'mod xjentifiku fuq bażi ta' każ b'każ,*** inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; |

Or. en

**Emenda 247**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta ***bbilanċjata*** għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; | 18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta ***meħtieġa*** għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni; |

Or. en

**Emenda 248**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jisħaq li l-evidenza xjentifika trid tibqa' l-pedament tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-governanza internazzjonali tal-oċeani, li sservi bħala munita komuni fin-negozjati multilaterali u tappoġġja l-governanza sostenibbli fis-sajd u fl-akkwakultura; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-politiki kollha jkunu bbażati fuq xjenza soda, u li jsir investiment u jiġu megħjuna l-korpi xjentifiċi li jipprovdu l-evidenza li tirfed tali deċiżjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 249**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jenfasizza li l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal jirrikonoxxi l-importanza ta' Miżuri Effettiva Oħra ta' Konservazzjoni bbażata fuq iż-Żona (OECMs) bħala approċċ komplementari biex jiġu protetti ż-żoni tal-baħar; jisħaq fuq l-importanza li jiġu inklużi l-OECMs biex tintlaħaq il-mira li jiġu protetti 30 % tal-oċeani fuq livell globali sal-2030, f'konformità mal-Qafas imsemmi hawn fuq;*** |

Or. en

**Emenda 250**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Unjoni Ewropea tagħti attenzjoni speċifika lir-reġjun tal-Artiku f'konformità mal-Istrateġija għall-Artiku tal-2021, inkluż fil-qafas tal-SFPA tagħha ma' Greenland, fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar ħajjin, il-klima u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar li s-sajd jiddependi fuqu;*** |

Or. en

**Emenda 251**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-kunċett ta' żoni marini ta' prosperità bħala qafas biex jiġi rrikonċiljat ir-restawr ekoloġiku u l-benesseri tal-bniedem tal-komunitajiet kostali billi jintużaw protezzjonijiet territorjali tal-ekosistemi;*** |

Or. fr

**Emenda 252**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jappoġġja l-impenn tal-Patt Ewropew għall-Oċeani li jistabbilixxi inizjattiva pan-Ewropea għall-osservazzjoni tal-oċeani bħala pedament għat-titjib tal-fehim u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa fi ħdan l-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni biex ***tissaħħaħ il-kollaborazzjoni xjentifika*** tal-baħar u jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-UE fl-oċeanografija; | 19. Jappoġġja l-impenn tal-Patt Ewropew għall-Oċeani li jistabbilixxi inizjattiva pan-Ewropea għall-osservazzjoni tal-oċeani bħala pedament għat-titjib tal-fehim u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar ***filwaqt li jiġi promoss il-ħolqien ta' network dinji ta' osservatorji li jikkondividu data u jħeġġu l-mobbiltà xjentifika***; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa fi ħdan l-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni biex ***jissaħħu l-kollaborazzjoni u l-mobbiltà xjentifiċi*** tal-baħar u jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-UE fl-oċeanografija; ***jistieden lill-Unjoni, fid-dawl tan-nuqqasijiet osservati ta' xi sħab dinjija fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, issaħħaħ l-azzjoni u l-impenn tagħha fil-kooperazzjoni xjentifika sabiex jiġu ppreżervati l-ekosistemi tal-baħar u kostali;*** |

Or. fr

**Emenda 253**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jappoġġja l-impenn tal-Patt Ewropew għall-Oċeani li jistabbilixxi inizjattiva pan-Ewropea għall-osservazzjoni tal-oċeani bħala pedament għat-titjib tal-fehim u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa fi ħdan l-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni xjentifika tal-baħar u jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-UE fl-oċeanografija; | 19. Jappoġġja l-impenn tal-Patt Ewropew għall-Oċeani li jistabbilixxi inizjattiva pan-Ewropea għall-osservazzjoni tal-oċeani bħala pedament għat-titjib tal-fehim u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa fi ħdan l-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni xjentifika tal-baħar u jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija ***globali*** tal-UE fl-oċeanografija ***u fix-xjenza tal-baħar kollha kemm hi***; ***jissottolinja l-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju adegwat;*** |

Or. en

**Emenda 254**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jappoġġja l-impenn tal-Patt Ewropew għall-Oċeani li jistabbilixxi inizjattiva pan-Ewropea għall-osservazzjoni tal-oċeani bħala pedament għat-titjib tal-fehim u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa fi ħdan l-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni xjentifika tal-baħar u jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-UE ***fl-oċeanografija***; | 19. Jappoġġja l-impenn tal-Patt Ewropew għall-Oċeani li jistabbilixxi inizjattiva pan-Ewropea għall-osservazzjoni tal-oċeani bħala pedament għat-titjib tal-fehim u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa fi ħdan l-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni xjentifika tal-baħar u jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-UE ***fix-xjenzi tal-baħar***; |

Or. en

**Emenda 255**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-RFMOs, inklużi l-GFCM u l-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), kif ukoll il-kooperazzjoni mal-aġenziji tan-NU biex tiġi żgurata governanza internazzjonali tal-oċeani koerenti u bbażata fuq ix-xjenza;** |

Or. en

**Emenda 256**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Itenni l-istedina tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex juru sens ta' tmexxija fil-governanza internazzjonali tal-oċeani billi jipproteġu l-balieni u jiddefendu l-implimentazzjoni sħiħa tal-moratorju internazzjonali fuq il-kaċċa għall-balieni għal skopijiet kummerċjali;*** |

Or. en

**Emenda 257**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19b. Itenni l-importanza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jintegraw il-protezzjoni taċ-ċetaċji fir-relazzjonijiet tas-sajd tagħhom u fil-kooperazzjoni dwar il-governanza tal-oċeani mal-pajjiżi terzi, inkluż fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom f'dak li jirrigwardja l-prodotti tas-sajd;*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga mal-Istati Uniti u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; | 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga mal-Istati Uniti ***u ma' sħab internazzjonali oħra,*** u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; ***jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex jiġu pprojbiti s-sussidji fuq is-sajd IUU, is-sajd ta' stokkijiet b'sajd eċċessiv u s-sajd ta' stokkijiet mhux regolati fuq l-ibħra miftuħa, li jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi fis-sajd;*** |

Or. fr

**Emenda 259**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***mal-Istati Uniti u tistabbilixxi*** standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; | 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***mas-sħab internazzjonali kollha fl-istabbiliment ta'*** standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; ***jisħaq li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-sajd (RFMOs) jirrappreżentaw waħda mill-aktar għodod multilaterali b'saħħithom disponibbli għall-UE fir-rigward tal-istabbiliment ta' standards globali, u jisħaq li r-rwol tal-korp ta' konformità tagħhom għadu mhuwiex qed jintuża biżżejjed mill-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 260**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ***ir-rwol ta' tmexxija*** fil-fora internazzjonali billi ***tistimola l-multilateraliżmu,*** tiddjaloga ***mal-Istati*** Uniti ***u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà*** tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; | 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ***rwol kostruttiv*** fil-fora internazzjonali billi ***tippromwovi standards reċiproċi u realistiċi,*** tiddjaloga ***mas-sħab bħall-Istati*** Uniti ***biex tiżgura impenji reċiproċi pjuttost milli obbligi unilaterali, u ssegwi s-sostenibbiltà*** tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta ***mingħajr ma tpoġġi lis-sajjieda u lill-produtturi tal-UE fi żvantaġġ permezz ta' standards għoljin b'mod eċċessiv li timponi hija stess***; |

Or. en

**Emenda 261**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***mal-Istati*** Uniti u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; | 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***ma' nazzjonijiet ewlenin fis-sostenibbiltà tas-sajd u l-governanza tal-oċeani, bħall-Istati*** Uniti***, il-Kanada, il-Ġappun jew in-Norveġja,*** u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; |

Or. en

**Emenda 262**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***mal-Istati*** Uniti u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; | 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***mal-atturi globali rilevanti kollha, inklużi l-Istati*** Uniti ***u ċ-Ċina,*** u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; |

Or. en

**Emenda 263**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***mal-Istati*** Uniti u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; | 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***mal-atturi ewlenin bħall-Istati*** Uniti ***u ċ-Ċina,*** u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; |

Or. en

**Emenda 264**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***mal-Istati*** Uniti u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; | 20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga ***ma' pajjiżi bl-istess ħsieb bħall-Istati*** Uniti u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta; |

Or. en

**Emenda 265**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; jissottolinja li dan il-ftehim huwa pass importanti lejn l-eliminazzjoni ta' sussidji għas-sajd dannużi, li jikkontribwixxu għas-sajd eċċessiv u l-kapaċità żejda, u b'hekk titrawwem il-kompetizzjoni ġusta u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar madwar id-dinja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibni fuq dan is-suċċess permezz tad-diplomazija dwar l-oċeani, billi tinvolvi ruħha b'mod attiv mal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari ma' nazzjonijiet tas-sajd ewlenin, biex tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-ftehim u biex tavvanza l-impenji globali għal ġestjoni tas-sajd sostenibbli, trasparenti u ekwa;*** |

Or. en

**Emenda 266**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jisħaq li l-Unjoni Ewropea għandha tuża s-saħħa fis-suq tagħha bħala għodda strateġika biex tiddefendi l-interessi tagħha u tippromwovi s-sostenibbiltà; jissottolinja li l-aċċess għas-suq tal-UE jrid ikun jiddependi mill-konformità mal-istandards tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-frott tal-baħar importat fl-Unjoni ma jkunx joriġina minn sorsi illegali jew mhux sostenibbli, u lanqas minn attivitajiet marbuta ma' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 267**
**France Jamet, António Tânger Corrêa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Iżid jgħid li d-difiża tat-talbiet għall-estensjoni tal-blat kontinentali mill-Istati Membri kkonċernati tikkostitwixxi sfida kbira tad-diplomazija marittima li ma tridx tiġi injorata;*** |

Or. fr

**Emenda 268**
**Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Carmen Crespo Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20b. Itenni t-talba tiegħu biex il-ħut u l-*** |

***frott tal-baħar ippreżervati fil-laned jiġu ttrattati bħala "prodotti sensittivi" fin-negozjati kummerċjali;***

Or. en

**Emenda 269**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; ***jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas*** l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; | 21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; ***jitlob lill-Kummissjoni toġġezzjona b'mod sod għad-deċiżjonijiet attwali sproporzjonati, xjentifikament mhux ġustifikati u ta' diskriminazzjoni*** li de facto ***qed inaqqsu*** l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit***, b'mod partikolari dawk relatati mal-implimentazzjoni jew id-dejinjazzjoni ppjanata taż-żoni protetti tal-baħar u l-projbizzjoni fuq is-sajd taċ-ċiċċirell, u tuża l-mekkaniżmi tat-TCA biex tirrimedja kwalunkwe telf li jirriżulta tad-drittijiet tas-sajd***; |

Or. en

**Emenda 270**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill- | 21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill- |

| | |
|---|---|
| Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; | Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; ***jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni teżerċita viġilanza fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet li jittieħdu mir-Renju Unit sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-Unjoni, tal-operaturi u taċ-ċittadini tagħha;*** |
| | Or. en |

**Emenda 271**
**Sander Smit**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; | 21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ftehimiet dwar is-sajd fit-tul u stabbli bejn l-UE u r-Renju Unit ferm lil hinn mill-2038;*** jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; |
| | Or. en |

**Emenda 272**
**Emma Fourreau, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni ***tibqa' soda kontra*** kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li ***de facto*** tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; | 21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni ***timmonitorja u tiżgura l-konformità mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit f'dak li jirrigwardja*** kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li ***tista'*** tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; |

Or. en

**Emenda 273**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. ***Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti*** fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li ***tagħti*** aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; | 21. Jilqa' ***l-arranġamenti*** fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li ***jagħtu*** aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; |

Or. en

**Emenda 274**
**France Jamet, António Tânger Corrêa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 21. ***Jilqa'*** d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; | 21. ***Jinnota*** d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li de facto tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit; |
| | Or. fr |

**Emenda 275**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jistieden lill-UE tintensifika l-impenn tagħha man-Norveġja permezz tad-diskussjoni ta' livell għoli dwar is-sajd u l-oċeani biex issolvi kwistjonijiet pendenti u tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ġusti bejn is-sajjieda tal-UE u dawk Norveġiżi; | 22. Jistieden lill-UE tintensifika l-impenn tagħha man-Norveġja permezz tad-diskussjoni ta' livell għoli dwar is-sajd u l-oċeani biex issolvi kwistjonijiet pendenti u tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ġusti bejn is-sajjieda tal-UE u dawk Norveġiżi; ***jitlob lill-Kummissjoni tagħmel dak kollu possibbli biex jintlaħaq qbil dwar ftehim globali dwar l-istokkijiet kondiviżi, mal-Istati kostali sabiex jiġi evitat is-sajd eċċessiv ta' dawn l-istokkijiet u jiġi ggarantit li s-sajjieda Ewropea jkollhom possibbiltajiet ta' sajd ekwu sostenibbli; jitlob lill-Kummissjoni tuża l-possibbiltajiet kollha li jippermetti r-Regolament 1026/2012 f'dak li jirrigwarda l-pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli, inkluż l-użu ta' sanzjonijiet;*** |
| | Or. fr |

**Emenda 276**
**Karin Karlsbro, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jistieden lill-UE tintensifika l-impenn tagħha man-Norveġja permezz tad-diskussjoni ta' livell għoli dwar is-sajd u l-oċeani biex issolvi kwistjonijiet pendenti u tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ġusti bejn is-sajjieda tal-UE u dawk Norveġiżi; | 22. Jistieden lill-UE tintensifika l-impenn tagħha man-Norveġja permezz tad-diskussjoni ta' livell għoli dwar is-sajd u l-oċeani biex issolvi kwistjonijiet pendenti u tiżgura ***li jiġu konklużi l-miżuri konġunti għall-ġestjoni tas-sajd u li dawn jirriżultaw fl-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-istokkijiet tal-ħut u*** kundizzjonijiet ekwi u ġusti bejn is-sajjieda tal-UE u dawk Norveġiżi; |

Or. en

**Emenda 277**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jistieden lill-UE tintensifika l-impenn tagħha man-Norveġja permezz tad-diskussjoni ta' livell għoli dwar is-sajd u l-oċeani biex issolvi kwistjonijiet pendenti u tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ġusti bejn is-sajjieda tal-UE u dawk Norveġiżi; | 22. Jistieden lill-UE tintensifika l-impenn tagħha man-Norveġja permezz tad-diskussjoni ta' livell għoli dwar is-sajd u l-oċeani biex issolvi kwistjonijiet pendenti u tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ġusti bejn is-sajjieda tal-UE u dawk Norveġiżi; ***ifakkar, f'dan ir-rigward, fid-dejn ta' 5,000t ta' bakkaljaw li n-Norveġja għandha tagħti lill-UE mill-2021 u jitlob li tinstab soluzzjoni malajr;*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jistieden lill-UE ssaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni ma' sħab oħra ewlenin tas-sajd u l-oċeani, inklużi r-Renju Unit, l-Iżlanda, il-Gżejjer Faeroe, Greenland, u l-pajjiżi sħab kollha tal-UE fl-Afrika u n-Nofsinhar Globali, biex tippromwovi ġestjoni tas-sajd sostenibbli u ekwa u tiżgura aċċess ġust għar-riżorsi tal-baħar kondiviżi; jisħaq fuq l-importanza li tiġi avvanzata l-kooperazzjoni permezz ta' negozjati trasparenti, inklużivi, u bbażati fuq ix-xjenza, filwaqt li jitrawmu l-fiduċja reċiproka, l-amministrazzjoni ambjentali, u kundizzjonijiet ekwi ġenwini bejn is-sajjieda tal-UE u dawk mhux tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 279**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jilqa' l-Memorandum ta' Qbil (MtQ) dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sajd u l-oċeani bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda li ġie ffirmat fil-15 ta' Lulju 2025; jenfasizza l-ambizzjoni li jiġi promoss approċċ ikkoordinat għall-kwistjonijiet dwar is-sajd u l-oċeani biex jiġu ffaċilitati kundizzjonijiet ekwi, bl-għarfien li ġestjoni responsabbli tas-sajd hija vitali biex jiġi żgurat sajd sostenibbli u għalhekk iwassal għal benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali pożittivi;*** |

Or. en

**Emenda 280**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' wara l-Brexit, tevalwa l-opportunità li tinħoloq organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) għall-ilmijiet taż-żona FAO-27 mal-Istati terzi ġirien sabiex ikun hemm qafas unifikat tal-ġestjoni tas-sajd, monitoraġġ xjentifiku u riżorsi tas-sajd;*** |

Or. fr

**Emenda 281**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22b. Jirrimarka li l-MtQ jistabbilixxi li t-tniġġis, it-telfien tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima jaffettwaw b'mod negattiv l-ambjent tal-baħar tagħna u li l-ġestjoni sostenibbli tal-attivitajiet tal-oċeani u tal-akkwakultura tirrikjedi oċean u ilmijiet f'saħħithom, reżiljenti u produttivi u li l-intenzjoni hija li jkun hemm kooperazzjoni biex jintlaħqu dawn l-objettivi u biex jiġi żgurat li l-ħidma komuni tagħna tkun ibbażata fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tikkonkludi pjattaformi simili għall-kooperazzjoni ma' sħab importanti oħra;*** |

Or. en

**Emenda 282**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22c. Jenfasizza r-relazzjoni fit-tul ma' Greenland dwar kwistjonijiet relatati mas-sajd u jirrimarka l-importanza tar-relazzjoni għas-sajjieda tal-UE kif ukoll għal azzjonijiet konġunti biex tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut fl-Atlantiku tat-Tramuntanal; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tapprofondixxi aktar il-kooperazzjoni tagħna ma' Greenland;*** |

Or. en

**Emenda 283**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; | 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali ***u tippromwovi l-konformità̀m mal-Ftehim tal-UE dwar l-istokkijiet tal-ħut***; ***ifakkar li n-nuqqas ta' ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tal-kwoti bejn l-istati kostali għal ċerti stokkijiet kondiviżi fl-Atlantiku tal-Grigal, bħall-kavall, joħloq riskju serju għall-popolazzjonijiet tal-ħut u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tas-sajd;*** |

Or. en

**Emenda 284**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-Kummissjoni ***tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd*** mhux sostenibbli ***li jistgħu jattivaw miżuri*** ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; | 23. Jistieden lill-Kummissjoni ***tagħmel użu xieraq mir-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-identifikazzjoni u l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward tal-pajjiżi terzi li jonqsu milli jikkooperaw u jippermettu sajd*** mhux sostenibbli ***ta' stokk ta' interess komuni għall-Unjoni, u meta ma jkun hemm l-ebda miżura oħra*** ta' infurzar ***ta' soluzzjoni diplomatika***, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; |

Or. en

**Emenda 285**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex ***tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza*** prattiki mhux sostenibbli ***fuq livell globali***; | 23. ***Iħeġġeġ lill-istati kostali kollha biex jaħdmu lejn ftehim ta' kondiviżjoni komprensiv li jirrifletti rekords storiċi u interessi ġenwini u sostenibbli;*** jistieden lill-Kummissjoni tattiva malajr kemm jista' jkun ir-Regolament rivedut dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli ***u*** li jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi |

restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex ***jiġu indirizzati*** prattiki mhux sostenibbli***, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw l-istokkijiet pelaġiċi żgħar, bħall-kavall u li jitwettqu min-Norveġja, il-Gżejjer Faroe, u r-Russja***;

Or. en

**Emenda 286**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; | 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli ***u li ma jirrispettawx l-istandards internazzjonali tax-xogħol*** li jistgħu jattivaw miżuri ***potenzjalment obbligatorji*** ta' infurzar tal-UE ***u l-organizzazzjonijiet internazzjonali***, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli ***u mhux etiċi*** fuq livell globali; |

Or. fr

**Emenda 287**
**Karin Karlsbro, Asger Christensen, Emma Wiesner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar ***tal-UE***, inklużi | 23. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura implimentazzjoni xierqa u sħiħa tar-regoli tal-UE relatati mal-indirizzar tal-pajjiżi terzi li jippermettu sajd mhux sostenibbli*** |

| | |
|---|---|
| restrizzjonijiet kummerċjali ***bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni***, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; | ***kif ukoll*** tipprovdi aktar ċarezza legali dwar ***il-prattiki*** tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar ***skont il-liġi tal-Unjoni***, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; |

Or. en

**Emenda 288**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; | 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; ***jisħaq li ħafna minn dawn il-prattika diġà huma identifikati sew iżda mhumiex indirizzati biżżejjed mill-miżuri ta' infurzar attwali;*** |

Or. en

**Emenda 289**
**Sander Smit**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw | 23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi ***definizzjonijiet u kriterji kif ukoll*** aktar ċarezza legali dwar prattiki tas- |

| | |
|---|---|
| miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali; | sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali ***filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-politika kummerċjali u l-objettivi tad-diplomazija dwar l-oċeani***; |
| | Or. en |

**Emenda 290**
**Isabelle Le Callennec**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-istandards imposti għall-produtturi Ewropej u dawk applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari fil-qafas tal-ftehimiet tal-kummerċ attwali jew futur bejn l-Unjoni Ewropea u s-sħab kummerċjali tagħha, pereżempju billi jiġu introdotti klawżoli mera; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli tevalwa r-rilevanza ta' dawk il-kwoti tariffarji awtonomi fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq l-industrija tas-sajd Ewropea u meta jkun meħtieġ tadattahom; jistieden lill-awtoritajiet Ewropej jeżerċitaw kawtela u jżidu l-kontrolli sabiex jiżguraw li l-esportazzjonijiet kollha li jibbenefikaw minn kwoti tariffarji awtonomi ma jkunux prodotti ta' sajd IUU;*** |
| | Or. fr |

**Emenda 291**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-impenn tagħha fil-Baħar Mediterran, u b'mod partikolari fil-Kanal ta' Sqallija, biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi effettivi kemm f'termini ta' dixxiplina kif ukoll, fuq kollox, f'termini ta' kontroll, billi tarmonizza kemm jista' jkun il-miżuri ta' ġestjoni, inkluż il-perjodi ta' waqfien obbligatorji tas-sajd għal speċijiet soġġetti għal pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħloq il-kundizzjonijiet għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd f'żoni tal-Kanal ta' Sqallija li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni minn pajjiżi terzi sabiex l-intrapriżi tas-sajd tal-Unjoni jkollhom aċċess sikur għal dawk iż-żoni;*** |

Or. it

**Emenda 292**
**Piotr Müller, Nora Junco García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u infurzar li jikkonċernaw l-attivitajiet tas-sajd u l-flussi kummerċjali tal-frott tal-baħar tar-Russja, inklużi t-trażbordi u l-esportazzjonijiet mill-ġdid permezz ta' pajjiżi terzi; jitlob li jiġu introdotti rekwiżiti stretti ta' traċċabbiltà u spezzjonijiet ikkoordinati biex jiġi pprevenut id-dħul ta' ħut li jinqabad b'mod illegali jew mhux sostenibbli fis-suq tal-UE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tipproponi projbizzjoni*** |

***sħiħa fuq l-importazzjonijiet u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li joriġinaw mir-Russja sakemm tiġi żgurata konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, mal-istandards ambjentali u mar-reġim tas-sanzjonijiet;***

Or. en

**Emenda 293**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-Kummissjoni tqajjem u tindirizza każijiet ta' nuqqas ta' konformità minn pajjiżi terzi fil-kumitati ta' konformità rilevanti tal-RFMOs, filwaqt li tfittex b'mod partikolari segwitu minn pajjiżi terzi, sabiex tiġi evitata r-repetizzjoni u jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi għas-sajjieda tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 294**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jitlob djalogu strutturat u strateġiku mal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari fix-Xlokk tal-Asja u l-Afrika, biex jiġu żgurati korsiji marittimi u networks ta' komunikazzjoni taħt l-ilma, u b'hekk l-isforzi tal-UE għas-sigurtà kummerċjali jintrabtu mal-governanza internazzjonali usa' tal-oċeani;*** |

Or. en

**Emenda 295**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jitlob li jiġu organizzati b'mod regolari "Summits tal-Oċeani" fil-livell Ewropew, li jinvolvu l-ministri rivelanti kollha, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, għall-implimentazzjoni tal-Patt għall-Oċeani u li tiġi żviluppata Diplomazija dwar l-Oċeani b'saħħitha u dinamika;*** |

Or. en

**Emenda 296**
**Thomas Bajada, Sakis Arnaoutoglou, Giuseppe Lupo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jissottolinja r-regoli aġġornati dwar azzjonijiet li jistgħu jittieħdu mill-UE fir-rigward ta' sajd mhux sostenibbli mill-pajjiżi terzi, li jistgħu jservu bħala għodda tal-aħħar għażla f'każijiet ta' nuqqas sistematiku ta' kooperazzjoni biex jinkiseb sajd sostenibbli; jisħaq li dawn ir-regoli jsaħħu d-diplomazija tal-UE dwar l-oċeani billi jikkombinaw ir-responsabbiltà ambjentali mal-kompetizzjoni ġusta, l-obbligu ta' rendikont, u r-rispett għall-aqwa parir xjentifiku disponibbli;*** |

Or. en

**Emenda 297**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jistabbilixxu kontrolli mtejba fuq l-importazzjonijiet u jkomplu jirrestringu l-importazzjonijiet tal-ikel akkwatiku kollu inkluż il-bakkaljaw li joriġina mir-Russja, inkluż meta jiġi pproċessat mill-ġdid fil-pajjiżi terzi qabel ma jidħol fl-UE u sussegwentement jidħol fis-swieq Ewropej f'ammonti kbar, u joħloq kompetizzjoni inġusta għall-industrija tas-sajd Ewropea;*** |

Or. en

**Emenda 298**
**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jenfasizza li n-networks kriminali li joperaw fis-settur tas-sajd jimminaw il-governanza sostenibbli tal-oċeani, ixekklu l-ekonomiji lokali u jipperikolaw l-għajxien fir-reġjuni kostali; jisħaq li l-indirizzar b'mod effettiv tal-kriminalità organizzata fis-sajd se jikkontribwixxi għal ekonomija tal-oċeani aktar sikura u aktar reżiljenti;*** |

Or. en

**Emenda 299**

**Željana Zovko**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli fil-portijiet u fid-dwana, filwaqt li jagħmlu użu sħiħ minn Aġenzija Doganali tal-UE ġdida, biex jipproteġu lis-sajjieda mit-traffikanti ta' drogi u migranti u attivitajiet illeċiti oħra li jheddu s-sikurezza tas-sajjieda u l-istabbiltà reġjonali u biex isaħħu t-traċċabbiltà ta' prodotti tal-baħar importati;*** |

Or. en

**Emenda 300**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 301**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; | 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; ***jitlob appoġġ finanzjarju u politiku msaħħaħ għal prattiki tas-sajd tradizzjonali u sostenibbli, kif ukoll għas-sajjieda sajd fuq skala żgħira u artiġjanali; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tingħata awtonomija akbar lir-reġjuni ultraperiferiċi (Ors) fir-rigward tal-finanzjament u l-leġiżlazzjoni, inkluż billi jiġi stabbilit mill-ġdid il-Programm ta' Għażliet Speċifikament Relatati mad-Distanza u l-Insularità (POSEI-Sajd), li issa huwa integrat fil-FEMSA, sabiex is-settur jiġi appoġġjat biex jegħleb l-iżvantaġġi strutturali u jiżgura l-vijabbiltà fit-tul tal-komunitajiet tas-sajd lokali;*** |

Or. en

**Emenda 302**
**Sander Smit**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni | 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni |

| | |
|---|---|
| ta’ EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta’ finanzjament preċedenti tiegħu; | ta’ EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta’ finanzjament preċedenti tiegħu; ***jitlob żieda sostanzjali f’finanzjament iddedikat biex jiġi żgurat li l-UE tkun tista’ twettaq l-impenji globali tagħha, issaħħaħ ir-rwol strateġiku tagħha, u tappoġġja r-reżiljenza futura tal-komunitajiet kostali;*** |
| | Or. en |

**Emenda 303**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta’ finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali ***li jmiss jindikaw allokazzjoni ta’ EUR 2 biljun biss*** għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028–2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta’ finanzjament preċedenti tiegħu; | 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta’ finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; ***jinnota l-ħtieġa assoluta li r-riżorsi finanzjarji allokati lis-settur jiġu integrati mill-ġdid*** għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028–2034, ***filwaqt li tiġi żgurata allokazzjoni ta’ mhux anqas mill-QFP attwali; speċjalment meta mqabbla mal-objettivi strateġiċi u speċifiċi indikati mill-Kummissjoni nnifisha fir-rigward tal-Patt għall-Oċeani u l-Politika Komuni tas-Sajd kollha kemm hi***; |
| | Or. it |

**Emenda 304**
**Emma Fourreau, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm ***settur tas-sajd strateġiku***; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; | 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm ***sajd li jirnexxi u reżiljenti u jiġu protetti r-riżorsi bijoloġiċi u l-ekosistemi tal-baħar fuq livell globali***; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; |

Or. en

**Emenda 305**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota ***bi tħassib*** li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028–2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; | 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku ***u biex jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi tal-baħar fuq livell globali***; jinnota li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028–2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; |

Or. en

**Emenda 306**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. ***Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija*** dwar l-oċeani***, speċjalment*** sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; | 24. ***Jirrikonoxxi r-rwol tad-diplomazija*** dwar l-oċeani sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; |

Or. en

**Emenda 307**
**Karin Karlsbro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw ***allokazzjoni*** ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu; | 24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw ***delimitazzjoni*** ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028-2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament ***garantit*** preċedenti tiegħu; |

Or. en

**Emenda 308**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi livell adegwat ta' finanzjament għall-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2028, filwaqt li jiġi żgurat li l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) jibqa' strument b'saħħtu biex jappoġġja t-tiġdid ġenerazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sigurtà tal-ikel, l-immodernizzar tal-flotta u s-sostenibbiltà soċjoekonomika;*** |

Or. en

**Emenda 309**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra fi strumenti finanzjarji futuri klawżola speċifika għall-kundizzjoni strutturali tal-insularità u l-insularità doppja, li tqis l-iżvantaġġi permanenti ta' dawn ir-reġjuni f'termini ta' aċċess għas-suq, spejjeż loġistiċi u nuqqas ta' infrastruttura;*** |

Or. it

**Emenda 310**
**Mélissa Camara**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jitlob li jiżdiedu r-riżorsi umani u l-mezzi finanzjarji fid-DĠ ENV biex*** |

***tittejjeb il-parteċipazzjoni tagħhom fin-negozjati internazzjonali topiċi rispettivi, inkluż fil-ħidma preparatorja rilevanti kollha għal dawn in-negozjati;***

Or. en

**Emenda 311**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-allokazzjoni proposta ta' EUR 2 biljun għas-sajd u l-akkwakultura fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2028-2034) tirrappreżenta tnaqqis dinamiku meta mqabbel mal-perjodu attwali; isaħħaħ il-ħtieġa li tiġi żgurata żieda sostanzjali fil-baġit għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) bħala fundamentali biex tiġi ppreservata s-sigurtà tal-ikel, jinħolqu impjiegi fl-ekonomija blu sabiex jiġu ggarantiti t-tiġdid ġenerazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-immodernizzar tal-flotta;*** |

Or. en

**Emenda 312**
**Eric Sargiacomo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' | 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' |

finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment;

finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; ***jissottolinja l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju kostanti u għoli biżżejjed mill-aġenziji EMSA, EFCA u Frontex;***

Or. fr

**Emenda 313**
**Emma Fourreau, Luke Ming Flanagan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu ***jkollhom*** aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; | 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu***, b'mod speċjali l-operaturi fuq skala żgħira u l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi fuq skala żgħira, ikollhom*** aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; |

Or. en

**Emenda 314**
**Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed ***id-diplomazija*** dwar l-oċeani ***u*** l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; | 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament***, b'allokazzjoni ta' fondi dedikati minimi***, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed ***il-governanza u d-diplomazija*** dwar l-oċeani***,*** l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; |

Or. en

**Emenda 315**
**Karin Karlsbro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' | 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' |

| | |
|---|---|
| Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; | Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU ***kif ukoll finanzjament għall-SFPAs***, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; |

Or. en

**Emenda 316**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura*** li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; | 25. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jiżguraw*** li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment; |

Or. en

**Emenda 317**
**Siegbert Frank Droese**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda ***u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom*** aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali **– *l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment***; | 25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda***, l-operaturi tal-akkwakultura, il-komunitajiet kostali u l-SMEs involuti direttament fis-settur ikollhom*** aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali ***filwaqt li jiġi evitat li l-fondi jmorru lejn partijiet ikkonċernati mhux produttivi jew purament konsultattivi; jenfasizza li l-appoġġ irid jagħti prijorità lil dak li joħolqu valur ekonomiku u soċjali reali fiż-żoni kostali***; |
| | Or. en |

**Emenda 318**
**Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Itenni l-ħtieġa li jinżamm fond speċifiku, imsaħħaħ u indipendenti għas-sajd u l-akkwakultura fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss 2028-2034, kif qed jitlob is-settur Ewropew kollu; iqis li l-integrazzjoni tal-FEMSA attwali f'fond wieħed tkun ta' ħsara għas-settur, u jirrakkomanda allokazzjoni baġitarja suffiċjenti biex tippermetti progress fis-sostenibbiltà, it-tiġdid tal-flotot, il-kompetittività, id-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni, filwaqt li tiggarantixxi koeżjoni territorjali u tiġdid ġenerazzjonali;*** |
| | Or. es |

**Emenda 319**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jissottolinja li l-kriterji għall-aċċess tal-fondi Ewropej għandhom jippremjaw mhux biss is-sostenibbiltà ambjentali, iżda wkoll il-valur soċjali u ekonomiku tal-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali, artiġjanali u tal-familja, b' mod partikolari fiż-żoni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni;*** |

Or. it

**Emenda 320**
**Nora Junco García, Diego Solier, Giuseppe Milazzo, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tiggarantixxi biżżejjed stabbiltà amministrattiva u legali għall-investimenti privati biex trawwem l-iżvilupp tas-setturi marittimi;*** |

Or. en